# l-aċċent

Ħarġa nru 10
Ottubru 2013

Id-Dipartiment tal-Ilsien Malti
tal-Kummissjoni Ewropea

## WERREJ

**Bir-reqqa: Il-lingwa miktuba u mitħaddta**

- Ftit noti dwar l-ie 2
- Il-Malti, ir-riżorsi diġitali u t-traduzzjoni 4
- Bil-Kelma t-Tajba 8

**Kelma b'kelma: It-terminoloġija**

- Il-minuri: inneħħuhom, inċaqilquhom jew nittrasferuhom? 9
- Review vs revision 11
- Konfini (boundary) vs fruntiera (border) 14

**Mill-għatba 'l barra: Aspetti oħra**

- Il-Malti u x-xandir: Intervista ma' Reno Bugeja 15
- Iż-żjara f'Malta bħala parti mill-VTS (Mejju 2013) 17
- Xi jmut mal-ilsna li jgħosfru? 20
- Ninu Cremona – traduttur u terminologu 22



Din l-għaxar ħarġa tqarribna lejn l-għaxar sena tal-Malti fl-UE u sservina ta' riflessjoni dwar din l-esperjenza storika.

Lil hinn mir-retorika vaga, żminijietna jimponulna li nistħarrġu fejn mar tassew il-Malti f'dawn l-aħħar snin. In-natura *sui generis* tal-esperjenza Maltija sikwit tnissel kritika u oġġezzjonijiet għall-preżenza ta' lsienna fis-servizz lingwistiku tal-UE, u jista' jkun li l-missjoni lingwistika tagħna f'istituzzjoni politika hija wkoll li nuru biċ-ċar il-valur miżjud li trodd l-attività tagħna.

*l-aċċent* jaf ikun mezz biex lill-Malti nagħtuh valur funzjonali, u mmexxuh lill hinn mill-iskemi, xorta waħda essenzjali, tal-identità u d-demokrazija għal waħda li tikkwantifika l-eżiti konkreti. Xogħolna għalhekk għandu jiggradwa mill-*għ* u l-*h*, konsonanti storiċi fanali tal-qedem ta' lsienna imma li sikwit jintużaw bħala l-pretesti għaż-żebliħ tal-Malti.

L-ortografija, kif naraw mill-artiklu ta' Mark Amaira u mill-kontribut regolari tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, hi essenzjali daqs il-knatan imqegħdin sewwa biex tibda tibni dar. Bħala tradutturi ta' kontenut politiku u legali, importanti li wieħed jara kif il-lingwa sejra tesprimi l-kunċett ġuridiku bl-aħjar mod. L-artikli dwar id-definizzjoni legali tal-moviment tal-minuri, id-differenza bejn konfini u fruntieri, u l-kunċetti ta' review u revision u kif jinġiebu fil-Malti, huma eżempji ta' dak li jħabbat wiċċu magħhom ta' kuljum it-traduttur.

Ħidmietna rridu niġġustifikawha dejjem b'aktar konkretezza. Nistgħu nsemmu, nagħtu każ, li l-bażi dejta terminoloġika tal-IATE illum fiha mal-40,000 terminu bil-Malti. Anki f'Malta, hemm min qed iħabrek lejn għan bħal dan, bħalma jurina l-artiklu ta' Albert Gatt dwar il-korpus diġitali tal-ilsien Malti. U dan ix-xogħol jista' jiġi rreklamat bil-kuntatti li nagħmlu mal-partijiet interessati f'Malta, bħal fil-każ taż-żjara tal-Visiting Translator Scheme, li nsibu rendikont tal-aħħar waħda li saret f'Malta minn Louise Vella.

Artikli oħra li jmissu realtajiet konkreti huma l-intervista ta' Tony Gaffiero lill-Kap tal-Aħbarijiet tal-PBS dwar l-użu tal-Malti fix-xandir; u s-sensiela dwar tradutturi Maltin, fejn Ivan Said jagħtina bijografija ta' Ninu Cremona, u jiskopri aktar dwar inċident marbut mal-użu tal-Malti bejn it-traduttur uffiċjali tal-gvern u s-setgħat taż-żmien! Altru li jgħosfor il-Malti, anki jekk dejjem attenti, kif naraw mill-artiklu ta' Alan Delia dwar il-lingwi fil-periklu tal-estinzjoni u t-telf katastrofiku ta' għarfien u memorja uniċi!

Il-Bord Editorjali

## BIR-REQQA

***Il-lingwa miktuba u mitħaddta***

**Ftit noti dwar l-ie**

Mark Amaira

**1.** L-**ie**, għalkemm inqisuha vokali għaliha, fonoloġikament hi vokali **i** twila. F'termini sempliċi, fil-Malti l-ħoss «i» jista' jinstema' bi tliet modi differenti:

**i qasira** eż: *mitt,*

**i twila b'doża tal-konsonanti dgħajfa**
eż: *mit,* jew

**i twila** li ħafna drabi tinkiteb b'**ie** eż: *miet.*

Qabbel: jien *ridt*, inti *trid* u hu *ried*.

**2.** Billi s-sillaba f'kelma bl-**ie**, tkun is-sillaba aċċentata (bl-enfasi fuqha), malli l-aċċent jimxi fuq sillaba oħra fl-istess kelma, il-vokali ta' din is-sillaba tiqsar; eż

| | |
|---|---|
| *bieb* | *kienu* |
| ~~*biebien*~~ | ~~*ma kienux*~~ |
| *bibien* | *ma kinux* |

Innota li l-aċċent tal-kelma monosillaba qed jimxi lejn tmiem il-kelma.

Xi eżempji oħrajn li jitilfu l-**ie** fin-negattiv jew fil-plural:

| | |
|---|---|
| *jieqaf* | *ma jiqafx* |
| *jiftiehem* | *ma jiftihemx* |
| *miftiehem* | *miftehmin* |

**3.** Billi l-**ie** hi vokali twila, nistgħu nqabbluha sew mal-**a** twila, jiġifieri mal-vokali fil-verb tal-tielet forma *ħares* u mhux mal-vokali fil-verb tal-ewwel forma *ħareġ*.

Innota li niktbu:

| | | |
|---|---|---|
| *ried* | bħal | *sab* |
| *sabet* | | *riedet* |
| *sabu* | | *riedu* |

u niktbu

| | | |
|---|---|---|
| *ridt* | bħal | *sibt* |
| *sibna* | | *ridna* |
| *sibtu* | | *ridtu* |

u fuq il-mudell ta' **2.** niktbu

| | |
|---|---|
| *ried* | *ma riedx* |
| *riedet* | *ma riedetx, ma riditx* |

Innota li l-**a** tiqsar fin-negattiv tal-eżempju mudell u li l-aċċent jimxi fuq is-sillaba tal-aħħar:

| | |
|---|---|
| *sabet* | *ma sabitx* |

**4.** Meta fi tmiem il-kelma nehmżu s-suffiss pronominali, ara x'jiġri:

| | | |
|---|---|---|
| jien | *nistenna* | |
| jien | *nistenniek* | *nistennieha* |
| jien | *ma nistenniekx* | *ma nistennihiex* |

Innota li malli nehmżu s-suffiss [+ha] mal-verb, l-**a** fi tmiemu ssir **ie** filwaqt li fin-negattiv tal-verb bil-pronom, is-sillaba bl-**ie** tiqsar u l-aċċent jimxi lejn l-aħħar tal-kelma.

Eċċezzjoni għal dan hu każ bħal *kontra* għax jidher li z-zokk tiegħu hu «kontr+» jew «kontri+» peress li jieħu l-istess suffissi pronominali ta' *fi*, *bi*, u *għal*.

Għalhekk, billi flok *kontrieni* ngħidu *kontrija*

| | | | |
|---|---|---|---|
| flok | ~~*kontriek*~~ | jeħtiġilna niktbu | *kontrik* |
| | ~~*kontriena*~~ | jeħtiġilna niktbu | *kontrina* |
| | ~~*kontriehom*~~ | jeħtiġilna niktbu | *kontrihom* |

**5.** Agħmel differenza bejn il-verbi *nbigħ* u *nbiegħ*. L-ewwel wieħed hu verb attiv tal-ewwel forma fl-ewwel persuna singular imperfett, u l-ieħor hu verb passiv tas-seba' forma fit-tielet persuna singular maskil perfett.



Agħmel differenza wkoll bejn il-verbi bis-suffissi *mexxini* u *mexxieni*. Fl-ewwel wieħed jinhemeż il-pronom [+ni] mal-verb fl-imperattiv «mexxi+», u fl-ieħor il-pronom [+ni] jinhemeż mal-verb fit-tielet persuna singular maskil perfett «mexxa+».

**6.** Fejn jidħlu l-verbi bl-għerq sħiħ, b'mod ġenerali, l-**ie** nassoċjawha mal-forom b'vokali twila, jiġifieri:

a) it-tielet forma **KvKvK**, eż: hu *biegħed*, hi *bierket*, huma *miegħku*,

b) is-sitt forma **tKvKvK**, eż: hu *tqiegħed*, hi *twieldet*, huma *triegħdu*, u

ċ) id-disa' forma **KKvK** forma, eż: hu *swied*, hi *kriehet*, huma *bliehu*.

L-**ie** nassoċjawha mal-verbi dgħajfin neqsin, jiġifieri dawk il-verbi b'konsonanti dgħajfa fin-nofs tal-għerq, eż: hu *miet*, *biegħ*, hi *ħietet*, huma *fiequ*.

Innota li f'dawn il-verbi l-**ie** tfeġġ biss fit-tielet persuni: huwa, hija u huma.

**7.** Fejn jidħlu n-nomi, l-**ie** nassoċjawha <u>ħażin</u> mal-hekk imsejħa nomi verbali meta niktbu:

| | | |
|---|---|---|
| ~~*qliegħ*~~ | flok | *qligħ, uġigħ, smigħ* |
| ~~*tinbieħ*~~ | flok | *tinbiħ, tisbiħ, tiftix, tifsir* |
| | u allura | *tifqigħa, tinġiża, tifsira* |
| ~~*twessiegħ*~~ | flok | *twessigħ, tberbiq, tkissir* |

L-**ie** nassoċjawha <u>tajjeb</u> man-nomi verbali meta nħaddmu xi mudelli partikolari, eż: *waqfien, dewmien, telfien, sejbien* jew *il-mistrieħ, muftieħ, musbieħ, moħriet*.

**8.** L-**ie** tfeġġ ukoll fejn jidħol il-parteċipju attiv fis-singular maskil u femminil, iżda mhux fil-plural, minħabba l-istess raġuni ta' **2**.

eż

| | |
|---|---|
| *ħiereġ, ħierġa, ħerġin* | *nieżel, nieżla, neżlin* |
| *miexi, miexja, mexjin* | *sieket, siekta, sektin* |
| *liebes, liebsa, lebsin* | *wieqaf, wieqfa, weqfin* |

eż *mellies, nebbiexa*

*Mark Amaira hu traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

L-**ie** hi vokali twila li x'aktarx ġejja mill-**a** twila tal-Għarbi. Eż. hekk kif bl-Għarbi ngħidu **bâb**, bil-Malti ngħidu **bieb**.

Bħala regola, l-**ie** tieħu dejjem l-aċċent primarju u f'kelma nistgħu niktbu **ie** waħda biss.

Għal aktar informazzjoni, ara r-rokna Bil-Kelma t-Tajba, ta' *l-aċċent* ħarġa nru 8, paġna 6.

**Il-Malti, ir-riżorsi diġitali u t-traduzzjoni**
Albert Gatt

Tul dawn l-aħħar ftit deċennji, l-istudju tal-lingwa beda jieħu xejra dejjem iżjed empirika. Ir-riżorsi diġitali għall-istudju tal-lingwa qed isiru dejjem iżjed ċentrali, kemm f'oqsma akkademiċi li l-għan tagħhom huwa li jiflu l-istruttura u l-funzjoni tal-lingwa minn lenti xjentifika, kif ukoll f'oqsma iżjed prattiċi, ngħidu aħna, it-traduzzjoni.

B'mod ġenerali, ir-riżorsi lingwistiċi diġitali jinkludu kwalunkwe għodda li tista' tiġi pproċessata fuq kompjuter, pereżempju lessiku jew dizzjunarju li jinsab online. Iżda fost l-iżjed riżorsi fundamentali, hemm dak li jissejjaħ *korpus*.

**X'inhu korpus?**

Korpus huwa kollezzjoni ta' testi (sew jekk huma miktuba, sew jekk huma traskrizzjonijiet ta' taħdit), ġeneralment ta' daqs pjuttost kbir, li wieħed jista' juża biex ifittex kliem jew frażijiet, kif ukoll sekwenzi ta' kategoriji grammatikali (pereżempju, sekwenzi differenti ffurmati minn aġġettiv u nom). Il-fatt li l-korpus huwa elettroniku jfisser li t-tfittxija ma ssirx bl-idejn, iżda permezz ta' programm – mhux daqstant differenti mill-magni tat-tiftix li nużaw biex insibu l-paġni fuq l-internet – li bih jinkisbu riżultati f'temp ta' sekondi.

Fil-każ tal-Malti, f'dawn l-aħħar snin ġie żviluppat korpus imdaqqas, li huwa disponibbli mingħajr ħlas fuq sit tal-internet. Dan l-iżvilupp huwa l-frott ta' ħidma li seħħet fi ħdan il-proġett MLRS (*Maltese Language Resource Server*), kollaborazzjoni bejn l-Istitut tal-Lingwistika u d-Dipartiment tas-Sistemi Intelliġenti tal-Kompjuter fl-Università ta' Malta. Il-korpus, flimkien ma' riżorsi oħra, huwa aċċessibbli mill-indirizz **http://mlrs.research.um.edu.mt**

It-tfittxija fil-korpus tista' ssir mis-sit stess, kif jidher fl-immaġni ta' hawn taħt. Fil-fatt, hemm żewġ verżjonijiet tal-korpus.[1] L-ewwel verżjoni hija kollezzjoni ta' madwar 100 miljun kelma, meħuda minn diversi ġeneri; it-tieni verżjoni testendi l-ewwel verżjoni għal madwar 125 miljun kelma, u tinkludi annotazzjoni grammatikali, fejn kull kelma, numru jew simbolu f'test għandhom magħhom tabella li tindika l-kategorija grammatikali.

B'hekk, apparti d-differenza fid-daqs, it-tieni verżjoni toffri wkoll il-possibbiltà ta' tfittxija mhux biss ta' kliem u frażijiet speċifiċi, iżda wkoll ta' kategoriji (eż. nomi jew aġġettivi) u




Dijagramma 1. L-interfaċċa tal-korpus fuq is-sit

[1] Magħrufa bħala "MLRS V1.0" u "MLRS V2.0 Beta"; it-tnejn disponibbli mis-sit imsemmi fit-test.

sekwenzi ta' kategoriji. Il-korpus jinkludi testi minn diversi oqsma, kif jidher f'din it-tabella:

| Qasam | Numru ta' tokens[2] |
|---|---|
| Stampa | 68.800.000 |
| Dibattiti Parlamentari | 43.400.000 |
| Letteratura u Kritika | 375.000 |
| Testi Akkademiċi | 170.000 |
| Testi Legali | 4.800.000 |
| Testi Reliġjużi | 403.700 |
| Taħditiet | 18.000 |
| Paġni mill-internet (inklużi blogs u artikli mill-Wikipedia Maltija) | 6.500.000 |
| Testi oħra | 123.000 |

**Tabella 1.** Il-kampjuni fit-tieni verżjoni tal-korpus

Il-fatt li l-korpus fih kampjuni minn oqsma differenti jfisser li tista' ssir tfittxija kemm fil-kollezzjoni sħiħa, kif ukoll f'ġeneri partikolari.

Din il-faċilità tista' tkun utli ferm għal min huwa interessat fil-lingwaġġ użat f'kuntest speċifiku. Wara kollox, fejn jidħol l-użu, ma hemmx "lingwaġġ wieħed" iżda lingwaġġi differenti, li minkejja li għandhom l-istess bażi grammatikali u (forsi) lessikali, hemm differenzi sottili bejniethom, skont ir-regoli tal-ġeneru u l-impatt tal-kuntest li fih tkun qed tintuża l-lingwa.

## U x'nambuh?

Bħala kelliema nattivi ta' lingwa, ġeneralment ikollna intuwizzjonijiet pjuttost b'saħħithom dwar kif tintuża l-lingwa tagħna. B'hekk, pereżempju, huwa relattivament faċli li wieħed jiddetermina jekk sentenza hijiex grammatikali jew le. Iżda l-intuwizzjoni mhux dejjem hija ta' min jafda fiha biss. Kif semmejna iżjed 'il fuq, il-lingwa tintuża f'oqsma differenti ħafna minn xulxin u filwaqt li l-intuwizzjonijiet tagħna jkunu ssawru fil-kuntesti li fihom nitħaddtu u niktbu *aħna*, dan ma jfissirx li l-esperjenza tagħna tal-lingwa hija identika għal dik ta' ħaddieħor u tapplika għal kull qasam.

## Esplorazzjoni tat-tifsir: il-kliem 'żgħir' u 'ċkejken'

Minflok ma nipprova nagħti stampa sħiħa tal-modi differenti kif jista' jintuża korpus (li huwa impossibbli fl-ispazju limitat ta' dan l-artiklu), nixtieq nieħu eżempju ta' mistoqsija tipika li wieħed jista' jikseb tweġiba pjuttost preċiża għaliha permezz ta' korpus, mistoqsija li għandha x'taqsam mat-tifsir tal-kliem:[3]




Dijagramma 2. Parti mill-konkordanza għal *żgħir*. Iċ-ċrieki ħomor juru l-ħoloq li permezz tagħhom jiġi aċċessat id-dokument sħiħ li fih instabet kelma, jew inkella l-kuntest sħiħ li fih instabet okkorrenza tal-kelma

[2] Il-kelma *token* tirreferi għal kwalunkwe sekwenza ta' simboli li għandha funzjoni unitarja f'test miktub, sew jekk hija kelma, numru, punteġġjatura jew simbolu ieħor.

[3] Is-sit tal-korpus jinkludi ħolqa għal dokument dettaljat li jiddeskrivi kif jistgħu jintużaw il-funzjonijiet tal-interfaċċa li qed niddeskrivu hawn. Ara: http://mlrs.research.um.edu.mt/corpusquery/doc/mlrs_userdoc.pdf

**X'differenza hemm bejn il-kliem 'żgħir' u 'ċkejken'?**

Mod tajjeb ta' kif niddistingwu t-tifsir ta' żewġ kelmiet – anke jekk, intuwittivament, huma qrib ħafna ta' xulxin – huwa billi nagħtu ħarsa lejn l-'imġiba' tagħhom, jew aħjar, bħalma ġieli nagħmlu fil-każ tan-nies, x'tip ta' kumpanija għandhom tendenza jinsabu fiha.

F'dan il-każ, dak li għandna bżonn nagħmlu huwa li nħarsu lejn il-kollokazzjonijiet ta' dawn il-kliem u nqabbluhom flimkien. B'mod ġenerali, kwalunkwe kelma li tinsab ta' spiss biswit kelma oħra tista' titqies bħala kollokazzjoni ta' dik il-kelma.

L-ewwel pass irid ikun li nagħmlu tfittxija għaż-żewġ kelmiet fil-korpus. Jekk infittxu l-kelma 'żgħir' fil-korpus, ir-riżultat huwa konkordanza, lista sħiħa tal-okkorrenzi kollha tal-kelma fil-kuntest li tinsab fiha. Mill-ewwel nistgħu naraw li dil-kelma nsibuha 'l fuq minn 15,000 darba, f'iżjed minn 8,600 dokument. Jekk irridu nesploraw il-konkordanza f'iktar dettall, nistgħu nużaw il-ħoloq kemm tad-dokument li fih instabet il-kelma, kif ukoll is-sentenza sħiħa li fiha nstabet kull okkorrenza tal-kelma.

Minflok noqogħdu nesploraw kull okkorrenza tal-kelma, nistgħu mill-ewwel noħolqu lista tal-kollokazzjonijiet tal-kelma billi nużaw il-faċilità tal-*collocations* fil-menu. Din toħodna għal paġna li tagħtina l-possibbiltà li nvarjaw il-wisa' tal-kuntest li fih irridu ninkludu l-kollokazzjonijiet – f'dan il-każ se nħalluh kif inhu, ħames kelmiet.

Dan ifisser li s-sistema se tikkunsidra l-kliem kollu li jinsab biswit il-kelma *żgħir* b'distanza massima ta' 5 kelmiet lejn ix-xellug jew il-lemin. Ninnutaw ukoll li s-sistema ssaqsina rridux ninkludu l-annotazzjoni, f'dan il-każ, il-*part of speech tag* (i.e. il-kategorija grammatikali li tinsab abbinata ma' kull kelma fit-tieni verżjoni tal-korpus).

Fl-aħħar, għandna lista ta' kollokazzjonijiet li jinsabu biswit il-kelma *żgħir*, flimkien mal-frekwenza tagħhom u n-numru tat-testi li jinsabu fihom.

Iżda anki dan forsi mhux biżżejjed. Wara kollox, fil-kollokazzjonijiet insibu anke l-artiklu *iż-* (ovvjament, ladarba huwa frekwenti ħafna), kif ukoll kliem bħal *huwa*, li probabbli mhux informattiv ħafna għax, bħal persuna dħulija żżejjed, jinsab fil-kumpanija ta' kulħadd. Hawn nistgħu niffiltraw ir-riżultati skont il-kategorija grammatikali.

Ladarba 'żgħir' hija aġġettiv, minflok inħarsu lejn kull kollokazzjoni, forsi ta' min inħarsu biss lejn in-nomi, li jistgħu jindikaw għal xiex tintuża din il-kelma. Kif jidher f'dijagramma 3,




Dijagramma 3. Kollokazzjonijiet ta' żgħir, l-ewwel verżjoni

| Collocation controls | | | |
|---|---|---|---|
| Collocation based on: | Word form | Statistic: | Log-likelihood |
| Collocation window *from*: | 3 to the Left | Collocation window *to*: | 3 to the Right |
| Freq(node, collocate) at least: | 5 | Freq(collocate) at least: | 5 |
| Filter results by: | specific collocate: | and/or tag: NN NN | Submit changed parameters Go! |

**There are 14,529 different words in your collocation database for "[word="żgħir"%c]". (Your query "żgħir" returned 15,140 matches in 8,602 different texts)** [0.251 seconds - retrieved from cache]

| No. | Word | Total no. in whole corpus | Expected collocate frequency | Observed collocate frequency | In no. of texts | Log-likelihood value |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | pajjiż | 106,825 | 77.801 | 1,678 | 1193 | 7158.846 |
| 2 | numru | 81,949 | 59.684 | 852 | 753 | 2960.084 |
| 3 | tifel | 12,756 | 9.29 | 380 | 329 | 2091.343 |
| 4 | ammont | 28,243 | 20.57 | 343 | 293 | 1290.199 |
| 5 | negozju | 13,208 | 9.62 | 227 | 155 | 1004.453 |
| 6 | persentaġġ | 3,702 | 2.696 | 151 | 138 | 925.114 |
| 7 | grupp | 27,487 | 20.019 | 272 | 251 | 918.38 |
| 8 | raħal | 14,282 | 10.402 | 218 | 193 | 914.652 |
| 9 | batut | 1,081 | 0.787 | 112 | 106 | 900.013 |
| 10 | negozjant | 1,940 | 1.413 | 120 | 76 | 836.313 |

Dijagramma 4. Kollokazzjonijiet ta' żgħir, iffiltrati biex jidhru n-nomi biss

hemm menù li minnu nistgħu nitolbu lis-sistema tagħtina biss dawk il-kollokazzjonijiet li, skont it-tabella grammatikali tagħhom huma *NN* (taqsira għal "nom komuni").[4] Ir-riżultat issa huwa kif jidher f'dijagramma 4.

Jekk issa nirrepetu l-proċedura għall-kelma *ċkejken*, inkunu nistgħu nqabblu l-kollokazzjonijiet tagħhom u nixħtu xaqq dawl fuq id-differenzi li hemm bejniethom. Din it-tabella turi l-għaxar kollokazzjonijiet nominali l-iktar frekwenti ta' kull kelma:

| *Żgħir* | *Ċkejken* |
|---|---|
| pajjiż | pajjiż |
| numru | tifel |
| tifel | raħal |
| ammont | tfajjel |
| persentaġġ | rigal |
| grupp | daqs |
| raħal | pajjiżna |
| negozjant | pass |
| suq | poplu |

Tabella 2. Kollokazzjonijiet ta' żgħir u ċkejken

[4] Il-kategoriji kollha fil-korpus, flimkien mat-taqsiriet tagħhom, huma ddokumentati fuq is-sit. Ara: http://mlrs.research.um.edu.mt/index.php?page=34

Li jeħtieġ nagħmlu hu li nħarsu kemm lejn in-nomi li jikkollokaw maż-żewġ aġġettivi, kif ukoll dawk li jikkollokaw ma' xi wieħed minnhom biss. Fost dawk komuni għat-tnejn, f'din il-lista limitata għall-ewwel għaxra, hemm nomi konkreti u animati bħal *tifel* (iżda mhux *tfajjel*, li nsibuha biss ma' *ċkejken*, li jista' jfisser li l-espressjoni *tfajjel ċkejken* għandha status kważi idjomatiku...) kif ukoll nomi li jirreferu għal entitajiet ġeografiċi bħal *pajjiż* u *raħal*. Min-naħa l-oħra, nomi astratti li jirreferu għal kwantitajiet, bħal *ammont* jew *persentaġġ* mhumiex fost il-kollokazzjonijiet l-iżjed frekwenti ta' *ċkejken*: dan ma jfissirx li ma jikkollokawx ma' dan l-aġġettiv, iżda r-rabta tagħhom ma' *żgħir* hija iktar sinifikanti milli r-rabta tagħhom ma' *ċkejken*.

Mill-menù tal-konkordanza f'Dijagramma 2, nistgħu nużaw ukoll il-funzjoni *distribution* biex nesploraw id-distribuzzjoni tal-kelma skont il-ġeneru, jiġifieri kemm tintuża kelma f'qasam partikolari. Hekk niskopru li filwaqt li *ċkejken* hija l-iżjed frekwenti fil-letteratura u t-testi reliġjużi u ftit li xejn tidher f'testi akkademiċi jew legali, il-kelma *żgħir* tidher iktar f'dawn il-kategoriji. Forsi, minkejja x-xebh fit-tifsir ta' dawn il-kliem, hemm distinzjonijiet sottili li għandhom x'jaqsmu kemm mal-użu f'ġeneri differenti, kif ukoll mas-"sħubija" tagħhom ma' kliem ieħor, fatt li jagħtina ħjiel tal-mod kif il-frekwenza u l-kuntest jinfluwenzaw l-użu tal-lingwa.

**Lejn ħjiel ta' konklużjoni**

L-eżempju li tajt huwa wieħed pjuttost bażiku ta' kif jista' jinituża l-korpus. Hemm diversi affarijiet oħra li wieħed jista' jagħmel bis-sistema, bħall-esplorazzjoni tal-kliem li jinsabu f'ġeneri differenti, skont il-frekwenza tagħhom; it-tfittxija ta' strutturi grammatikali; u l-investigazzjoni ta' aspetti tal-morfoloġija fil-Malti tal-lum (pereżempju, kemm insibu verbi differenti magħmula minn nom missellef mill-Ingliż, bħal *immonitorja* jew *issejvja*?)

Intant, il-ħidma fuq il-korpus għadha għaddejja, b'mod speċjali biex intejbu l-annotazzjoni grammatikali fit-testi u nkabbru d-daqs ta' wħud mill-ġeneri ta' testi (eż. il-letteratura) li s'issa ma kinux irrappreżentati daqs oħrajn.

*Dr Albert Gatt huwa d-Direttur tal-Istitut tal-Lingwistika fl-Università ta' Malta*

~ • ~

**Bil-Kelma t-Tajba**
Prof. Manwel Mifsud

**Servizz tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti**

**Mistoqsija**: Fil-kitba bil-Malti, l-aktar meta tkun bil-kompjuter, xi kliem insibu miktub b'ħafna modi differenti. Ngħidu aħna, insib **kumdita', kumdita, kumdita`** u **kumdità**. Dawn kollha tajbin?

**Tweġiba**: Le. Waħda biss hi tajba: **kumdità**

**Spjega**: Qabel xejn, jaqbel li nagħżlu mill-ewwel bejn żewġ sinjali (l-appostrofu u l-aċċent) li jintużaw fil-kitba Maltija bi skop differenti.

**L-appostrofu** ['] nużawh biex nuru li hemm xi ħaġa nieqsa jew imqassra, ngħidu aħna xi vokali li waqgħet (eż. **f'April flok ~~fi April~~**) jew il-konsonanti **għ** f'tarf il-kelma (eż. **reġa'** minflok ~~**reġagħ**~~). Mela l-forma **kumdita'** hija ħażina, għax hawn m'għandna xejn nieqes jew imqassar.

**L-aċċent** [`] jurina li f'dik il-kelma l-qawwa tal-leħen qed taqa' fuq l-aħħar sillaba (**verità, kafè, Marì, bijambò, tribù**). B'hekk nagħmlu differenza bejn koppji jixxiebhu bħal: mara **onesta** mżejna bl-**onestà**, **il-Papa** (ta' Ruma) u **l-papà** (missier), żewġha kien **kalamita** qabel iż-żwieġ u warajh sar **kalamità**. Mela l-forma **kumdita** hija ħażina għax nieqsa mill-aċċent li jurina waqgħet il-leħen u tiġi tinqara bħal qarnita.

L-aċċent jinkiteb dejjem **fuq** il-vokali, mhux warajha, **għax huwa parti mill-ħoss tal-istess vokali**. Hija vokali aċċentata. Mela l-forma **kumdita`** mhix tajba għax hawn l-aċċent inkiteb fl-ispazju ta' wara l-vokali, minflok fuqha.

Xi wħud, minflok l-aċċent **fuq** il-vokali, jiżbaljaw u jiktbu l-aċċent (jew l-appostrofu) wara l-vokali (**kumdita`, kumdita'**) għax ma jafux illum bil-kompjuter kemm huwa faċli li tiktibhom sewwa. Jekk qed tuża l-**Word** bħall-biċċa l-kbira minna), kulma trid tagħmel huwa dan:

Biex tikteb **virtù**:

(1) (Wara t-**t**) agħfas **Ctrl** u l-**aċċent** [`] flimkien, u itlaqhom. (Ma jidher xejn, tikkonfondix, imma l-aċċent ikun hemm jistenniek.)

(2) Agħfas il-buttuna tal-ittra 'u', u din toħroġ lesta, bl-aċċent fuqha kif suppost. L-istess sistema tintuża għall-vokali l-oħrajn kollha.

*Ħajr lill-Prof. Manwel Mifsud, li jagħtina permess nippubblikaw dawn is-siltiet*

# KELMA B'KELMA

***It-terminoloġija***

**Il-minuri: inneħħuhom, inċaqilquhom jew nittrasferuhom?**

Alan Xuereb

**Każ ipotetiku**[1]:

Irena u Vincenzo għexu l-Italja għal 14-il sena, u bħalissa qed jiddivorzjaw. Fl-2007, qorti Taljana tat lil Vincenzo l-kustodja ta' binthom Alessandra, u ordnat li din tittieħed għal xi żmien f'dar tat-tfal f'Pisa. Fl-istess jum, Irena telqet mill-Italja u marret is-Slovenja b'bintha.

Qorti Slovena rrikonoxxiet id-deċiżjoni tal-qorti Taljana u tat bidu għall-proċedura biex Alessandra tintbagħat lura għand missierha, iżda Irena opponiet din id-deċiżjoni.

Il-qorti Slovena tat il-kustodja proviżorja ta' Alessandra lil Irena, bl-argument li dan kien fl-aħjar interess tat-tifla għax it-teħid tagħha f'dar tat-tfal fl-Italja seta' jikkaġunalha trawma irriversibbli. Barra minn hekk, waqt il-proċeduri tal-qorti fis-Slovenja, Alessandra kienet stqarret li xtaqet tibqa' ma' ommha.

Vincenzo appella kontra d-deċiżjoni tal-qorti Slovena u rebaħ. Alessandra ntbagħtet lura l-Italja.

F'dan il-kuntest, dan l-aħħar, inqalgħet diffikultà dwar frażi li timplika numru ta' kunċetti legali u ta' possibbiltajiet ta' kif tista' tiġi tradotta għall-Malti. Il-frażi inkwistjoni hija *removal of children*.

Peress li kważi kull sitwazzjoni fil-ħajja tagħna ta' kuljum u anki fil-ħajja tal-istituzzjonijiet Ewropej, hija rregolata b'mod leġiżlattiv, huwa leċitu li wieħed jassumi li ħafna drabi din il-frażi tirrigwarda sitwazzjoni jew sitwazzjonijiet ta' natura legali. Il-ġuristi, il-qrati u l-leġiżlaturi normalment jaħsbu f'parametri ta' strumenti legali. Għaldaqstant, l-ewwel mistoqsija li hija razzjonalment valida li nistaqsu hija: "liema leġiżlazzjoni tirregola jew issemmi dan il-kunċett?"

Jidher li l-iktar dokument relevanti huwa r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003[2]. Fil-verżjoni Ingliża tiegħu l-kunċett ta' "*removal*" jissemma fil-kuntest ta' "*wrongful removal or retention of a child*,"[3] espressjoni li ġiet tradotta bil-Malti bħala "tneħħija jew żamma [i]nġusta ta' minuri."[4] Diġà nibdew naraw li l-bixra tal-kunċett għandha propensità lejn aġir illegali[5]. U ma għadux, għalhekk, kunċett newtrali. Minn dan ir-regolament, *removal* fil-kuntest ta' minuri japplika biss f'sitwazzjoni fejn hemm irregolarità ta' xi tip.

Madankollu, huwa minnu wkoll li minuri jista' jiċċaqlaq minn post għall-ieħor b'mod regolari, fis-sens li ċ-ċaqliq tiegħu ma jikser l-ebda dispożizzjoni tal-liġi nazzjonali jew tad-dritt tal-Unjoni. Din is-sitwazzjoni hija wkoll ikkontemplata fl-istess regolament u fil-verżjoni Ingliża tiegħu, b'mod iktar preċiż, fl-Artikolu 9 tiegħu, insibu li "..*a child moves lawfully from one Member State to another*.." tradotta bil-Malti "...minuri jiċċaqalqu legalment minn Stat Membru wieħed għall-ieħor...".

[1] http://europa.eu/youreurope/citizens/family/children/abduction/index_mt.htm

[2] Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003, tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbiltà tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000. Ħajr lil Dr Alexander Ellul (it-terminologu tal-Unità Maltija fil-Qorti tal-Ġustizzja).

[3] Premessa 17 tal-imsemmi regolament, et seq.

[4] Fil-verżjoni Franċiża: "déplacement ou de non-retour illicite d'un enfant".

[5] Punt li ssemma b'mod preliminari minn Alan Delia.



L-ewwel ħaġa li ninnutaw, kif semmejt *en passant* qabel mingħajr ma spjegajtha, hija li '*child'*, '*enfant'* fil-verżjoni Maltija ma saritx 'tifel' jew 'tifla'. Il-Malti legali jidher li f'dawn is-sitwazzjonijiet jippreferi juża (anki fil-leġiżlazzjoni domestika tagħna) it-terminu 'minuri'. Dan jista' jkollu żewġ raġunijiet ta' utilità prinċipali. L-ewwel waħda għaliex adolexxenti ta' 17-il sena, qajla tista' ssejjaħlu tifel, (u hawnhekk mhux neċessarjment qed nirreferi għal kuntest ta' dan ir-regolament – iżda l-prinċipju jibqa' inerenti fis-semantika legali Maltija). It-tieni raġuni hija iktar *vernakulari,* fis-sens li meta tiġi biex issemmi n-nom fis-singular għal *'child'* tinħoloq diffikultà. X'inhu korrett u preċiż li tgħid: 'tifel', 'tifel u/jew tifla', tuża l-plural u tgħid 'tfal' anki jekk il-verżjonijiet l-oħra jkunu fis-singular? F'dan ir-regolament, (forsi b'mod mhux neċessarjament iġġustifikat), xorta ġie ppreferut il-plural. Dan l-argument huwa dibattibbli, però huwa ċert li l-leġiżlatur Malti għandu preferenza li juża t-terminu 'minuri'.[6]

Il-kwistjoni l-oħra terminoloġika hija dwar it-terminu *removal* innifsu. Fir-Regolament Nru 2201/2003 dan it-terminu huwa tradott sempliċiment bħala "tneħħija". B'mod analogu, u purament mil-lat semantiku, il-liġi Maltija wkoll tuża, fil-Kapitolu 217 (Att dwar l-Immigrazzjoni) kif ukoll fil-L.S. 217.05 u 215.12, "tneħħija" għal "*removal*", speċifikament fil-kuntest ta' "*removal order*" taħt l-Artikolu 14 tal-Kap. 217.[7]

Għaldaqstant, jidher li ma jeżistux wisq argumenti kontra l-użu tat-terminu "tneħħija". Huwa minnu li dan it-terminu fiċ-ċirkustanzi li semmejna għandu konnotazzjonijiet differenti. Fil-każ tal-imsemmi regolament, hija tneħħija illegali, filwaqt li fil-liġi Maltija tal-Immigrazzjoni hija forma ta' ordni legali għat-tneħħija. Il-fatt jibqa' li l-verb 'tneħħija' jintuża b'mod komdu għal sitwazzjonijiet ta' dan it-tip, u biex irendi fedelment l-idea ta' '*removal*', li ntużat fl-Ingliż.

Fid-diskussjoni mal-kollegi tagħna tal-Kummissjoni dwar dan is-suġġett qamu diversi soluzzjonijiet u/jew rimedji interessanti. Punt validu ħafna kien "jekk aħniex marbutin li nużaw dawn it-termini strettament meta ma jkunx każ li jaqa' taħt dan ir-regolament". Il-formazzjoni ġuridika tiegħi ġġegħelni nkun kawt ħafna dwar l-użu ta' termini li mhumiex f'leġiżlazzjoni partikolari li jintużaw biex jiddeskrivu sitwazzjonijiet fattwali li jkunu simili. L-avukati jibżgħu ferm li joħolqu xi forma ta' preċedent li ma jkunx mixtieq.

Min-naħa l-oħra hemm ukoll l-argument illi jekk jintuża terminu wieħed biss[8] biex jispjega sitwazzjonijiet li ma jkunux strettament previsti mil-leġiżlazzjoni partikolari, jista' jinħoloq preċedent bil-maqlub, u nagħmlu leġiżlazzjoni applikabbli għal xi sitwazzjoni li ma tkunx intiża għal-leġiżlazzjoni u kkontemplata minnha. B'hekk tista' tinħoloq konfużjoni bejn dak li tgħid il-liġi u dak li naħsbu aħna. Il-prudenza u l-konsultazzjoni huma l-aħjar żewġ strumenti biex nimminimizzaw dawn id-diffikultajiet.

[6] Vide: riferimenti varji fil-Kodiċi Ċivili (Kap 16) u l-Kodiċi Krimnali (Kap.9). Ara b'mod partikolari l-Artikoli 172 *et seq*. tal-Kodiċi Ċivili dwar il-ħatra ta' tutur.

[7] Għalkemm hemmhekk ovvjament il-liġi qegħda titkellem dwar immigranti irregolari. Punt li ħareġ minn diskussjoni dwar dan is-suġġett ma' Dr. A. Ellul.

[8] Pereżempju fi sforz għal superkonsistenza.

L-aspett l-ieħor tiegħi, dak lingwistiku, naturalment jimraħ u jifraħ meta jiltaqa' ma' vokabularju li dejjem jistagħna bid-dinamiċità tal-lingwa legali. U għaldaqstant, pereżempju, il-frażi proposta waqt id-diskussjonijiet ta' *risistemazzjoni ta' minuri*[9] minn pajjiż għall-ieħor, għal *relocation,* hija interessanti u preċiża ferm.

Dawn l-ideat japplikaw ukoll fejn ikollna sitwazzjoni li fiha ma nkunux nafu eżatt[10] taħt liema sistema ġuridika tinkwadra ruħha frażi partikolari, bħal ngħidu aħna fejn ikun hemm sitwazzjoni fejn ma jkunx hemm kunsens tal-ġenituri jew tal-minuri, iżda ċ-ċaqliq ta' minuri xorta jkun meħtieġ. Fit-tali każ, jekk jistax ikun neċessarju li tintuża '*trasferiment ta' minuri*'[11]

Minkejja li dawn huma rimedji validissimi għall-kwistjoni, mill-perspettiva legali jidher li dak kollu li jista' jiġi kklassifikat bħala aġir illegali juża 'tneħħija' u dak li huwa kkunsidrat bħala legali jissejjaħ 'ċaqliq'. Ikollna nistennew sakemm tinqala' kwistjoni iktar konkreta sabiex inkunu nafu jekk ikollniex ħtieġa nużaw 'trasferiment ta' minuri' jew le.

## Nota konklużiva

Naħseb li huwa dejjem il-kuntest[12] li jiddetermina jekk nużawx terminu jew ieħor. Tidher regola sempliċi, però l-implikazzjonijiet ta' din ir-regola huma importanti ferm.

[9] Ħajr lil Reuben Seychell, it-terminologu tal-Unità Maltija tal-Kummissjoni Ewropea.
[10] Xi kultant f'dokumenti li ma jkollhomx denominazzjoni ċara jew preċiża jista' jiġri li ma nkunux ċerti mill-bażi legali tagħhom.
[11] Kunċett espost minn Alan Delia. Terminu li huwa użat mit-Taljani, però b'konnotazzjoni ta' aġir illegali: *trasferimento (illecito) di minori* (IATE: 3537448).
[12] Ara fost oħrajn: Engel, Morris S., With Good Reason: An Introduction to Informal Fallacies (1994), pp. 106-107 ISBN 0-312-15758-4; u McGlone, M.S. (2005a). Quoted out of context: Contextomy and its consequences. Journal of Communication, 55, 330-346.

Fl-aħħar nett, ma jeżisti l-ebda ostaklu terminoloġiku jew ġuridiku għall-użu ta' "tneħħija ta' minuri lejn Stat Membru ieħor" jew "tneħħija ta' minuri minn Stat Membru lejn Stat Membru ieħor".[13]

*Dr Alan Xuereb huwa ġurista lingwista mal-Qorti tal-Ġustizzja*

[13] Vide b'mod partikolari: *tneħħija illegali ta' minuri* (li tirriżulta minn Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (l-Ewwel Awla) tat-22 ta' Diċembru 2010. Joseba Andoni Aguirre Zarraga vs Simone Pelz. Talba għal deċiżjoni preliminari: Oberlandesgericht Celle - il-Ġermanja. Kawża C-491/10 PPU. Ġabra tal-Ġurisprudenza 2010 Paġna I-14247. Ħajr lil Dr. A. Ellul. Kif ukoll ta' *tneħħija inġusta ta' minuri,* Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi fi kwistjonijiet matrimonjali u kwistjonijiet ta' responsabbilità tal-ġenituri, u li jirrevoka r-Regolament (KE) Nru 1347/2000 – ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 6, p. 243.

~ • ~

## Review vs revision

Reuben Seychell

Għalkemm l-Ingliż Amerikan seta' ċajpar id-distinzjoni fil-lingwaġġ ordinarju, iż-żewġ kelmiet jirrappreżentaw differenza ċara bejniethom.[1] Dan jgħodd partikolarment għat-terminoloġija politiko leġiżlattiva[2] fejn:

> *Review* tfisser l-eżaminazzjoni ta' kuntest, dispożizzjonijiet jew eżiti, mingħajr ma tbiddilhom, i.e. ma tinkludix ***revision***. Bil-Franċiż *revue = action d'examiner avec soin.*[3]

Min-naħa l-oħra, *revision* tfisser it-tibdil f'test jew dispożizzjonijiet anki jekk tinkludi *review*.

[1] Għalkemm ġejjin b'xi mod mill-istess kelma Latina *revidere* (tara mill-ġdid), għandhom oriġini differenti fl-istorja tal-lingwi Rumanzi, u mbagħad ġew adottati mill-Ingliż.
[2] Mingħajr ma nidħlu fil-mertu tar-reġistru ġudizzjarju.
[3] Librairie Larousse, *Pluridictionnaire Larousse*, Paris, 1977.

Bil-Franċiż *réviser* = *l'examiner de nouveau pour le corriger, le modifier s'il y a lieu*; *révision: modification d'un texte juridique en vue de l'adapter à une situation nouvelle.*[4]

Konsistentement fit-traduzzjoni Maltija, id-distinzjoni tixxejjen u għat-tnejn li huma spiss tintuża "reviżjoni". Dan mhux biss joħloq nuqqasijiet ta' preċiżjoni fit-test Malti imma wkoll ikun ta' disservizz lill-qarrej Malti minħabba li ma jifhimx l-istess sinifikat u effetti ġuridiċi bħal-lingwi l-oħra. Eżempju ta' dan hu traduzzjoni ta' proposta leġiżlattiva tal-Kummissjoni fejn "review and revision" ġiet ridotta għal sempliċiment "reviżjoni".[5] Eżempji skorretti oħra huma:

| EN | MT | KUMMENTI |
|---|---|---|
| Although the available data shows a high degree of compliance, the Commission and the Member States should cooperate closely on the thorough enforcement of the programme and should **review** the effectiveness of this enforcement no later than 18 months after the conclusion of the agreement.[6] | Għalkemm id-dejta disponibbli turi livell għoli ta' konformità, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw mill-qrib fuq l-infurzar qawwi tal-programm u għandhom **jirrevedu** l-effettività ta' dan l-infurzar mhux aktar tard minn 18 -il xahar wara l-konklużjoni tal-ftehim. | L-"effettività" (effikaċja) ma fiha xejn x'tirrevedilha. Li jrid isir huwa eżami ta' kemm l-eżekuzzjoni tal-programm kienet effikaċi. |
| The EUESB shall **review** the implementation of the Energy Star programme within the Union and shall provide the Commission with advice and assistance, as appropriate, to enable it to carry out its role as Management Entity, as referred to in Article IV of the Agreement.[7] | Il-BESUE għandu **jirrivedi** l-implimentazzjoni tal-programm tal-Energy Star fi ħdan il-Komunità u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni konsulenza u assistenza, kif xieraq, biex jippermettilha twettaq il-funzjoni tagħha bħala Entità Amministrattiva, kif jingħad fl-Artikolu IV tal-Ftehim. | Il-BESUE ma għandu l-ebda setgħa **jirrevedi** għaliex huwa entita konsultattiva. Għandu s-setgħa jeżamina u abbażi ta' dak l-eżami jagħti pariri lill-Kummissjoni. |
| Not later than four years after the date of entry into force of this Regulation, the Commission should **review** the operation of the system of access to all vehicle repair and maintenance information with a view to determining whether it would be appropriate to consolidate all provisions governing access to vehicle repair and maintenance information within a revised framework Directive on type approval. | Mhux aktar tard minn erba' snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha **tirrevedi** l-operat tas-sistema ta' aċċess għall-informazzjoni kollha dwar it-tiswija u l-manutenzjoni tal-vetturi bl-intenzjoni li jiġi determinat jekk ikunx xieraq li d-dispożizzjonijiet kollha li jirregolaw l-aċċess għall-informazzjoni dwar it-tiswija u l-manutenzjoni ta' vetturi jiġu konsolidati fi ħdan Direttiva qafas riveduta dwar l-approvazzjoni tat-tip. | F'dan il-każ ukoll il-Kummissjoni ma għandha l-ebda setgħa **tirrevedi** imma sempliċiment **teżamina**. Hawnhekk huma l-Kunsill u l-Parlament Ewropew li għandhom is-setgħa **jirrevedu**. |

[4] *Ibid.*
[5] It-test bil-Malti huwa COM(2012) 109, Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-programm ta' tikkettar tal-effiċjenza tal-enerġija għat-tagħmir fl-uffiċini jemenda r-Regolament (KE) Nru 106/2008 dwar programm Komunitarju ta' tikkettar tal-effiċjenza enerġetika tat-tagħmir tal-uffiċċju; it-test Ingliż huwa: COM(2012) 109, Proposal for a REGULATION OF THE EUROPEAN PARLIAMENT AND OF THE COUNCIL on a European Union energy-efficiency labelling programme for office equipment amending Regulation (EC) No 106/2008 on a Community energy-efficiency labelling programme for office equipment.
[6] *Ibid.*
[7] *Ibid.*

Din id-distinzjoni hija saħansitra spjegata fuq is-sit tal-UE fil-kuntest ta' tipi ta' setgħat politiċi fejn[8]: **review clauses** provide that the functioning of a legislative act will be examined at a set date; **revision clauses** stipulate that a legislative act will have to be amended by a set date without necessarily defining the nature of that amendment; bil-Franċiż issir l-istess distinzjoni:[9] **les clauses de réexamen** stipulent que le fonctionnement d'un acte législatif doit être examiné à une date déterminée; **les clauses de révision** indiquent qu'un acte législatif doit être modifié à une date déterminée sans nécessairement préciser la nature de la modification en question.

Il-Kummissjoni ma jistax ikollha s-setgħa tirrevedi dispożizzjonijiet leġiżlattivi li huma fil-kompetenza tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Ikollha s-setgħa tipproponi leġiżlazzjoni riveduta, jew reviżjoni ta' att leġiżlattiv, imma qatt li tirrevedi hi stess tali atti, kif spiss insibu fit-traduzzjoni Maltija ta' atti leġiżlattivi tal-UE. Normalment il-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tagħmel *review* (eżami) tal-effetti ta' tali atti leġiżlattivi, li huwa differenti minn *revision* (reviżjoni) ta' dawk l-atti.

Jekk induru għad-dizzjunarju Malti-Ingliż ta' Aquilina, taħt **reviżjoni**, imkien ma nsibu li qed jirreferi għal *review* fis-sens spjegat hawn fuq. L-ekwivalenza fit-tifsira nsibuha ma' **eżami mill-ġdid** jew f'forma oħra, **rieżami**.[10] Filwaqt li taħt l-istess **reviżjoni** Aquilina jagħtina s-sinifikat eżatt ta' *revision* (*of documents/laws*).

Xi eżempji ta' użu korrett fejn ġiet osservata d-distinzjoni:

| | |
|---|---|
| Whereas a thorough review of the various standards currently applicable is needed in order to set necessary and sufficient security requirements.[11] | billi huwa meħtieġ rieżami bir-reqqa tad-diversi standards li japplikaw bħalissa ħalli jiġu stabbiliti rekwiżiti neċessarji u suffiċjenti ta' sigurtà. |
| notes that it is important, taking into account the evolution of technology, to review and revise relevant legislation and regulations on the acquisition, import, sale, safe storage and transportation of CBRN materials.[12] | jinnota li huwa importanti, meta wieħed iqis l-evoluzzjoni tal-era tat-teknoloġija, li wieħed jipproċedi għall-eżami mill-ġdid u r-reviżjoni u tal-leġiżlazzjoni u r-regolamenti rilevanti vis-à-vis l-akkwist, l-importazzjoni, il-bejgħ, il-ħażna sikura u t-trasport ta' materjali CBRN. |
| This will improve the implementation of financial and budgetary policy (drawing-up of the budget and periodic review of the financial perspective) and make it possible to compile medium and long-term data for Community financing.[13] | Din ittejjeb l-implimentazzjoni tal-politika finanzjarja u tal-baġit (tħejjija tal-baġit u rieżami perjodiku tal-perspettiva finanzjarja) u li jkun possibbli li jkunu kkumpilati data fuq iż-żmien mezzan u fit-tul tal-finanzjament tal-Komunità. |

*Reuben Seychell huwa terminologu mal-Kummissjoni Ewropea*

[8] European Commission > Governance > Better Regulation – Glossary http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/glossary_en.htm

[9] European Commission > Governance > Mieux légiférer – Glossaire http://ec.europa.eu/governance/better_regulation/glossary_fr.htm

[10] Intużat ukoll "analiżi" li diġà hija aħjar minn "reviżjoni". "Analiżi" tintuża f'oqsma oħra bħala "review" bħal ngħidu aħna "literary review", "analiżi letterarja". Din ġiet ittrasportata fil-kuntest legali, pereżempju, "Revisions to the procedure for the review or adjustment of the lists of wastes contained in Annexes VIII and IX" = "Reviżjonijiet tal-proċedura għall-analiżi jew l-aġġustament tal-listi ta' skart li hemm fl-Annessi VIII u IX" (COM(2013) 20, Proposal for a COUNCIL DECISION on the submission, on behalf of the European Union, of applications for new entries in Annex VIII or IX to the Basel Convention on the control of transboundary movements of hazardous wastes and their disposal).

[11] It-Tisħiħ tas-Sigurtà Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari fl-Unjoni Ewropea - Pjan ta' Azzjoni CBRN tal-UE Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar it-Tisħiħ tas-Sigurtà Kimika, Bijoloġika, Radjoloġika u Nukleari fl-Unjoni Ewropea - Pjan ta' Azzjoni CBRN (2010/2114(INI)

[12] *Ibid.*

[13] Adozzjoni finali tal-baġit ta' emenda nru 1 tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2007 CELEX:32007B0280.

**Konfini (boundary) vs fruntiera (border)**
Reuben Seychell

Sal-bidu tas-snin elfejn ma jidhirx li kien hemm dubji f'livell tat-traduzzjoni dwar din id-distinzjoni.

**Boundary** = **konfini** (konfini ta' proprjetà immobbli kif applikat mill-Qrati ta' Malta,[1] jew konfini ta' lokalità - *locality's boundary* kif insibu fil-Kap. 363 tal-Liġijiet ta' Malta).

**Border** = **fruntiera** (konfini b'implikazzjonijiet ta' sovranità nazzjonali, irregolati bid-dritt internazzjonali u fil-każ ta' Malta bid-dritt Ewropew ukoll).

Madankollu mal-volum tat-traduzzjoni ta' dokumenti tal-Unjoni Ewropea għall-Malti nħolqot forma li xxejjen did-distinzjoni, primarjament fejn l-Ingliż jitkellem dwar *crossborder* (jew l-ekwivalenti *transfrontier* jew *transborder*, i.e. lil hinn mill-fruntiera).

Meta wieħed jittraduċi *border* weħidha tintuża **fruntiera**. Imma fejn *border* tokkorri magħquda ma' *cross*, u allura *crossborder* (eż. *crossborder trade, crossborder payment, crossborder cooperation, crossborder crime*, eċċ.) kien hemm min beda jittraduċiha bħala **transkonfinali**. Dan huwa problematiku għaliex il-kunċett ta' *crossborder* mhux qed jiġi rrappreżentat korrettement minħabba l-eliminazzjoni tad-distinzjoni ġuridika bejn **fruntiera** u **konfini**.

Il-kostruzzjoni **transkonfinali** (jew **transkonfini**), għalkemm korretta mil-lat ta' kostruzzjoni ta' kliem, mhijiex korretta fis-sinifikat.

Kostruzzjoni korretta hija dik li żżomm **fruntiera** bħala l-bażi tagħha, u allura niktbu **transfruntier** (jew **transfruntiera** jew **transfruntieri** skont il-ġens).[2]

Pereżempju hemm differenza bejn cross-boundary activity u cross-border activity. L-ewwel waħda ssir internament, bejn lokalità u oħra, bejn reġjun u ieħor fl-istess pajjiż (**attività transkonfinali**) filwaqt li t-tieni waħda sseħħ bejn pajjiż u ieħor (**attività transfruntiera**).

Xi eżempji ta' forom fl-użu huma dawn:

- crossborder trade = kummerċ transfruntier
- crossborder crime = delitt transfruntier
- crossborder cooperation = kooperazzjoni transfruntiera
- crossborder mail = posta transfruntiera
- crossborder flows = flussi transfruntieri
- crossborder regions = reġjuni transfruntieri

*Reuben Seychell huwa terminologu mal-Kummissjoni Ewropea*

[1] Inklużi forom verbali, eż. "mija u sittin metru kwadru ($560m^2$) konfinanti mil-Lvant ma' Triq San Blas, mill-Punent ma' triq... konfinanti mill-Grigal mat-Triq, u min-Nofsinhar u mit-…"

[2] Hemm lingwi rumanzi li jużaw forom ftit itwal li bil-Malti jiġu xi ħaġa bħal "transfruntalier". (FR:transfrontalier/transfrontière IT:transfrontaliero ES:transfronterizo PT:transfronteiriça RO:transfrontaliere).




Fruntieri m'għandniex, imma mill-konfini m'aħniex neqsin!

## MILL-GĦATBA 'L BARRA
*Aspetti Ohra*

**Il-Malti u x-xandir: Intervista ma' Reno Bugeja**
Tony Gaffiero


Reno Bugeja

Li l-websajt uffiċjali tal-istazzjon nazzjonali tax-xandir tkun bil-lingwa nazzjonali tal-pajjiż hija xi ħaġa ovvja. Li l-websajt tal-istazzjon nazzjonali Malti mhix bil-Malti, iżda, huwa riżultat tal-istorja lingwistika ta' pajjiżna li għadha toħloq daqstant kontroversja.

Iżda jidher li hemm xaqq ta' tama: għaliex skont Reno Bugeja, il-Kap il-ġdid tat-Taqsima tal-Aħbarijiet tal-PBS, mistennija żviluppi f'din il-ħaġa dalwaqt. Meta staqsejtu jekk jaħsibx li wasal iż-żmien li s-sit ikun bil-Malti wkoll, wieġeb li dan huwa 'punt interessanti' u li jekk nistennew ftit, dalwaqt se jkun hemm deċiżjoni mit-tmexxija tal-PBS dwar l-użu tal-Malti fuq il-websajt.

Naħseb li ma jkunx punt kontroversjali ngħidu li x-xandir illum huwa waħda mill-għodod l-aktar importanti, jekk mhux l-aktar f'sens assolut, biex lingwa takkwista prestiġju, biex tinżamm ħajja, u biex l-użu tagħha jibqa' ġustifikat. Apparti milli biex tiżviluppa.

Fil-ktieb tiegħu dwar l-istorja lingwistika ta' Malta Maltese and other languages,[1] il-Professur Joseph Brincat jispjega ċar kif kien l-użu tax-xandir bil-Malti, li beda wara t-Tieni Gwerra Dinjija, li fl-aħħar mill-aħħar wassal biex il-Malti kiseb dak il-prestiġju li kien għad ma kellux fost il-popolazzjoni wiesgħa. Mill-kumditā ta' daru, kien x'kien il-livell ta' edukazzjoni li kellu, il-poplu beda jisma' aħbarijiet, taħditiet, drammi, attivitajiet sportivi, bil-lingwa tiegħu. B'hekk l-użu tal-Malti seta' jiġi standardizzat fost kulħadd, anki fost min ma jafx jikteb u jaqra.

Kemm huwa konxju l-Kap tal-Aħbarijiet tal-PBS, għalhekk, tal-fatt li dak li jinstema' fil-bullettini tal-aħbarijiet tiegħu jista' jkollu effett għal żmien twil fuq il-lingwa?

"Bla dubju ta' xejn, il-mezzi kollha tax-xandir għandhom influwenza qawwija fuq il-lingwa, speċjalment dik mitkellma jekk qed nitkellmu

[1] Brincat, Joseph, *Maltese and other languages, A linguistic History of Malta*, Midsea Books, 2011, pp. 371/372.

fuq ix-xandir. Għalkemm ħafna jsemmu l-influwenzi negattivi, naħseb li x-xandir għandu wkoll bosta effetti pożittivi fuq il-lingwa. Miniex nara biss in-negattiv. Naħseb li x-xandir b'mod ġenerali għen fl-iżvilupp tal-lingwa. Mhux qed ngħid dan biex niskolpa n-nuqqasijiet fl-użu u t-tħaddim tal-lingwa."

Tabilħaqq. Rapport li kien tħejja fl-2009 minn kumitat maħtur apposta mill-Kunsill Nazzjonali tal-Malti u l-Awtorità tax-Xandir kien identifika diversi problemi ta' użu skorrett tal-Malti, u hawn mhux qed insemmu l-aħbarijiet biss, biex inkunu ġusti. Dawn ivarjaw minn ortografija żbaljata, għal pronunzja ħażina u saħansitra żbalji grammatikali.[2] Iżda xi jwassal għal dawn l-iżbalji? Fl-aħbarijiet, il-ġurnalisti jridu jiktbu l-istejjer tagħhom taħt pressjoni enormi ta' ħin, u jista' għalhekk jiġri li jkollha tiġi ssagrifikata r-reqqa.

"Il-fattur tal-għaġla u l-ħin, jgħid is-Sur Bugeja, huma ċertament fatturi li jaħtu ħafna għall-iżbalji. Però mhux biss. Il-ġurnalisti huma prodotti wkoll tas-soċjetà. It-tħassir tal-lingwa ġej mill-ġurnalisti kultant, iżda anke huma jittieħdu minn tħassir ieħor li jaqraw jew jisimgħu. Jiġifieri hemm element li wieħed jivvizzja ruħu bi kliem misluf u mgħaffeġ fil-lingwa tagħna."

Fi kliem ieħor, jista' jkun li l-ġurnalisti jkollhom bżonn taħriġ speċjalizzat fil-lingwa. Il-PBS jidher konxju minn dan, qal is-Sur Bugeja, li semma pass konkret li għadu kif ħa l-PBS għal kollaborazzjoni mal-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

"B'sodisfazzjon ngħid li aħna f'TVM għadna kif ħadna l-ewwel pass f'din id-direzzjoni bi ftehim mal-Kunsill tal-Malti. Qabel l-aħbarijiet tat-8pm qed ikollna qarrej tal-provi. Mindu beda das-servizz, nista' ngħid li waqfu l-ilmenti fuq żbalji tal-ortografija li kien ikollna fiż-żigarella (*ticker*). Però perfetti m'aħniex u għad jonqos iżjed xi jsir."

Naturalment li tkun ġurnalista jfisser l-ewwel u qabel kollox li tkun kapaċi tagħraf x'għandu jkun fl-aħbarijiet. Jista' jkun li l-għarfien tal-lingwa bħala tali ma jkunx l-ewwel prijorità meta xi bord tal-għażla, pereżempju, jkun qed ifittex persuni għall-ingaġġ bħala ġurnalisti.

Reno Bugeja ilu sa mill-1977 fil-Kamra tal-Aħbarijiet tal-istazzjon nazzjonali tax-xandir, biex b'hekk huwa wieħed mill-aktar ġurnalisti Maltin ta' esperjenza. F'dawn l-aħħar ftit snin stabbilixxa ruħu wkoll bħala preżentatur tal-programm ta' ġrajjiet kurrenti "Dissett" li fih jiġu intervistati persuni prominenti fil-qasam tagħhom, programm li akkwista livell ta' approvazzjoni sinifikanti minħabba l-mod inċiżiv tal-intervista li ssir mis-Sur Bugeja. Huwa nħatar bħala Kap tat-Taqsima tal-Aħbarijiet f'Mejju li għadda.

Għalkemm huwa mistenni li ġurnalista jkun kapaċi juża l-lingwa tajjeb, mhux rikjest li jkun 'espert' tal-lingwa.

"Ejja nkunu realistiċi. Il-ġurnalisti ma jistgħux ikunu kollox fl-istess ħin. Nistenna li ġurnalista jkollu ħiliet fil-lingwa imma ma nistenniex li jkun espert u perfett. Bl-istess raġunament nistgħu ngħidu li l-ġurnalista jrid ikun ekonomista, storiku, studjuż tal-politika, tal-liġi u tad-dixxiplini kollha li wieħed jista' jimmaġina li kollha jistgħu f'mument jew f'ieħor jaqgħu fl-ambitu ta' storja ġurnalistika. Imma, iva, intenni li ma jistax ikollok ġurnalista li ma jkollux għarfien tajjeb tal-lingwa mitkellma u miktuba."

Peress li l-ġurnaliżmu jittratta prattikament kull qasam tal-ħajja, minn stejjer personali sa dawk dwar l-aktar materji tekniċi, spiss jiġri li l-ġurnalist li juża l-Malti jsib ruħu quddiem

[2] Rapport tal-Kumitat fuq il-Malti fix-Xandir, 2009, pp. 4/5.

termini u kunċetti li bil-Malti jkunu għadhom qatt ma ntużaw. Ċertament li din hija sitwazzjoni familjari ħafna għal dawk kollha li jaħdmu fit-traduzzjoni. F'dawn l-aħħar snin, fis-servizzi tat-traduzzjoni tal-istituzzjonijiet Ewropej rajna żvilupp qawwi fejn jidħlu r-riżorsi terminoloġiċi biex din il-problema (li naturalment ma teżistix bil-Malti biss) tiġi solvuta. Iżda sa issa jidher li dan ix-xogħol għadu ma jeżistix fil-ġurnaliżmu. Meta mistoqsi jekk hemmx xi proċess formali ta' riċerka terminoloġika, is-Sur Bugeja qal li dan għadu ma jeżistix.

"Però l-Kunsill tal-Malti qed jaħdem biex tinħoloq uniformità f'dan ukoll. Problema ewlenija hija l-kliem li ġej mill-Ingliż u jekk dan għandux jinkiteb bil-forma Maltija jew tinżamm il-forma Ingliża. Nistennew direzzjoni mill-Kunsill iżda anke meta tittieħed din id-deċiżjoni, żgur ser tkun kontroversjali."

Ix-xandir nazzjonali llum għandu anki obbligu legali, li jħares il-livell tal-lingwa.[3] F'dan is-sens, is-Sur Bugeja konxju mill-importanza ta' investiment fl-użu tajjeb tal-lingwa, anki meta qed nitkellmu dwar investiment finanzjarju.

"Jiswa ħafna. Aħna xandara fuq stazzjon nazzjonali u għandna obbligu mhux biss preġju li ninvestu aktar f'dan il-qasam. Fil-fatt b'sodisfazzjon nerġa' ngħid li daħħalna diġà l-qarrejja tal-provi u nittama li pass pass jittieħdu deċiżjonijiet oħra fl-istess direzzjoni, mhux biss fl-aħbarijiet iżda fil-produzzjoni tal-programmi lokali."

Punt, dan tal-aħħar, li ta' min jixtarru sew u jtih l-importanza tiegħu peress li l-istazzjonijiet tax-xandir f'Malta llum il-ġurnata jxandru tista' tgħid il-ġurnata kollha produzzjonijiet lokali bil-Malti.

Fis-snin ta' wara l-gwerra kien hemm stazzjon tar-radju wieħed, u aktar tard, tat-televiżjoni wieħed, u ħafna Maltin kienu jħobbu wkoll isegwu stazzjonijiet tar-radju u tat-televiżjoni barranin. Illum, l-istħarriġ li jsir minn żmien għall-ieħor juri li l-biċċa l-kbira tal-Maltin jippreferu jsegwu l-istazzjonijiet Maltin, bi programmi bil-Malti.[4] Ir-responsabbiltà tax-xandar, u tal-ġurnalista, għalhekk, illum hija akbar.

[3] Il-Kapitolu 350 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Att dwar ix-Xandir, jinkludi Kodiċi dwar l-Użu tajjeb tal-Malti.

[4] Ara, dwar dan, l-aħħar stħarriġ tal-Awtorità tax-Xandir, ippubblikat f'Mejju 2013, li juri preferenza kbira ħafna għall-istazzjonijiet tat-TV Maltin fuq dawk barranin, għall-perjodu bejn Jannar u Marzu, 2013.

*Tony Gaffiero huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

~ • ~

## Iż-żjara f'Malta bħala parti mill-VTS (Mejju 2013)

Louise Vella

Meta lejn tmiem is-sena l-oħra ħareġ il-pjan ta' ħidma għall-2013 tad-Dipartiment tal-Malti fil-Kummissjoni, wieħed mill-proġetti ppjanati kien il-Visiting Translator Scheme (VTS). Issuġġerejt lill-Kap tad-Dipartiment, Dr Helga Zahra, li l-VTS tintrabat mal-kompetizzjoni tal-EPSO li kellha titħabbar din is-sena stess.

Minħabba li l-iskema tal-VTS fid-Dipartiment tagħna dawn l-aħħar snin intrabtet mal-ħidma fit-terminoloġija, forsi ftit minna konxji li din l-iskema, filwaqt li għandha diversi dimensjonijiet, għandha l-għan ewlieni li kull sena jintbagħtu għadd ta' tradutturi f'bosta pajjiżi tal-UE bil-ħsieb li jattiraw aktar ħaddiema fid-Direttorat Ġenerali tat-Traduzzjoni (id-DĠT).

Il-konsegwenza naturali tas-suġġeriment tiegħi kienet li ntlabt nikkunsidra nattwah. U bħalma jiġri f'dawk ix-xhur xitwin u mdallma tal-Lussemburgu, xhur meta (biex tkompli tagħqad) it-traduzzjonijiet mitluba mis-servizzi tal-Kummissjoni lil bosta minna jibdew isammruhom fl-uffiċċju sa tard filgħaxija, il-

ħsieb li nqatta' ġimagħtejn Tal-Qroqq minflok fil-binja Jean Monnet beda kulma jmur idoqqli iktar. Xejn xejn, jekk se naħdem sigħat twal, nagħmilhom fil-bnazzi.

It-tim responsabbli mill-VTS, immexxi minn Catia Torrini u Eduarda Portilha, jorganizza ġimagħtejn taħriġ għal min ikun se jipparteċipa fl-iskema. Ikunu ġimagħtejn sbieħ, fejn qabelxejn tiltaqa' mat-tradutturi kollha li jkunu se jżuru pajjiż għal żjara f'xi università jew, ngħidu aħna, xi istituzzjoni jew inkella Ministeru. Din is-sena, dawk l-uffiċjali tad-DĠT li għażlu li l-VTS jiddedikawha għal ħidma terminoloġika kienu fil-minoranza, u kienu mad-90% minna li għażlu li jżuru l-universitajiet biex jippromwovu l-karriera ta' traduttur fost l-istudenti.

It-taħriġ ikun jinkludi dak kollu li timmaġina li tista' tiġi bżonn bħala ambaxxatriċi tal-Kummissjoni Ewropea fil-pajjiż li se żżur. Jgħinuk tħaddem teknika tajba biex tkun ċar fit-twassil tal-messaġġ tiegħek, kemm fejn jidħol il-kontenut prinċipali li għandek tinkludi fil-preżentazzjonijiet tiegħek, kif ukoll fl-aħjar mod kif għandek twasslu... saħansitra tingħata kors fil-mod kif l-aħjar tindirizza udjenza. Iltqajna wkoll ma' uffiċjal intiż fl-organizzazzjoni ta' workshops mal-istudenti universitarji u flimkien għażilna dokumenti uffiċjali, ippubblikati diġà, biex nittraduċuhom flimkien mal-istudenti. Minħabba li kelli f'moħħi li nżur ukoll is-Sixth Forms li jipparteċipaw fil-kompetizzjoni tal-Juvenes Translatores, għażilt ukoll xi stqarrijiet għall-istampa li setgħu jinteressaw lill-istudenti ta' dik l-età.

**Ma' min iltqajt fil-ġimagħtejn li għamilt Malta?**

1. mal-istudenti tal-Masters fit-Traduzzjoni, l-Università
2. mal-istudenti tal-Baċċellerat fil-lingwi ewlenin
3. mal-istudenti tal-Kors tal-Qari tal-Provi bil-Malti; taħdita li kienet miftuħa wkoll għall-pubbliku ġenerali
4. ma' tliet klassijiet ta' studenti mill-Junior College li jistudjaw lingwa oħra apparti l-Malti fil-livell avvanzat
5. ma' żewġ klassijiet ta' studenti mill-Kulleġġ ta' San Alwiġi
6. ma' udjenza mdaqqsa ta' studenti mill-Kulleġġ ta' San Martin

(It-tliet skejjel l-oħra li ħadu sehem fil-kompetizzjoni Juvenes Translatores u li tlabniehom nistgħux inżuruhom ħallewna mingħajr tweġiba.)

**Il-preżentazzjoni x'kienet tinvolvi?**

It-tim tal-VTS joffrilek ir-riżorsi kollha li kapaċi tiġi bżonn. Saħansitra jiggwidak tapplika onlajn għal xi materjal dwar il-professjoni ta' traduttur fl-istituzzjonijiet biex dan il-materjal jintbagħat bil-lest fil-postijiet fejn tkun beħsiebek tqassmu. Jgħaddulek ukoll preżentazzjoni power-point li tolqot il-punti essenzjali marbuta mal-ħidma tagħna. Minn din il-preżentazzjoni jien ħadt xi slajds informattivi u qlibthom għall-Malti.

Introduċejt oħrajn ġodda biex nillokalizza t-tagħrif dwar l-importanza tal-multilingwiżmu. Semmejt li mill-aħħar stħarriġ tal-Ewrobarometru b'rabta mal-lingwi tal-pajjiżi tal-UE (li sar fl-2012), Malta hija wieħed minn (biss) tmien Stati Membri fejn hemm maġġoranza tal-popolazzjoni li taf żewġ ilsna oħra apparti lsien art twelidha. Huma 59% il-Maltin, jiġifieri, li apparti l-Malti jitkellmu wkoll l-Ingliż u lingwa oħra. Imma inkludejt slajd ieħor li juri li stħarriġ simili għal dak tal-2012 kien sar seba' snin qabel, fl-2005, u dak iż-żmien l-għadd ta' Maltin li jitkellmu tliet lingwi kien 68%.

Imma l-enfasi tal-preżentazzjoni dejjem kienet fuq xogħol it-traduttur. Tajt l-informazzjoni kollha li tista' tgħin lil min hu interessat jiġi jaħdem fl-istituzzjonijiet biex jifhem aħjar kif jista' japplika għal dan ix-xogħol. Spjegajt id-



Waqt il-laqgħa u l-preżentazzjoni għall-Qarrejja tal-Provi li kienet miftuħa għal kulħadd

differenza bejn xogħol permanenti, dak temporanju, dak b'kuntratt qasir, ix-xogħol bħala freelancer u x'inhu r-rwol proprju tal-esperti nazzjonali ssekondati fl-istituzzjonijiet mill-Gvern Malti. Indikajt anke l-opportunità li tingħata lil min jixtieq jingħaqad għal ftit xhur magħna bħala apprendist.

Din kienet żjara fejn kont mistennija nħajjar lil dak li jkun jingħaqad magħna. Ridt nieħu l-opportunità u nirreklama kemm niflaħ il-ħidma professjonali ta' dawk li f'dan ix-xogħol jaraw mezz kif il-Malti jintuża dejjem iktar bil-għaqal u allura kif il-Malti jkompli jissaħħaħ. Lill-udjenzi differenti wrejthom siltiet problematiċi (fejn tidħol terminoloġija) minn dokumenti uffiċjali tal-UE. Wara diskussjoni qasira dwar il-problema ppreżentata lit-traduttur, urejt slajds li jispjegaw x'inhi l-prassi tagħna f'sitwazzjonijiet bħal dawn:

1. it-traduttur ifittex it-terminu fil-IATE u jekk dan ma jsibux, ifittex kif ġie tradott fil-liġijiet Maltin u/jew f'dokumenti oħra tal-UE
2. it-traduttur jista' juża l-bosta materjal ta' referenza li jista' jgħinu fil-ħidma terminoloġika tiegħu, inklużi r-riżorsi kollha tal-librerija tal-Kummissjoni. Issemmiet ir-rokna bil-glossarji fis-sit tad-dipartiment kif ukoll il-pubblikazzjoni *l-aċċent* b'rokna fissa ddedikata għat-terminoloġija.

Ġiet rikonoxxuta l-ħidma tat-terminologi Reuben Seychell u Jeantide Naudi fl-inklużjoni ta' termini ġodda introdotti fil-IATE. Tajt stampa ċara ta' kif aħna t-tradutturi, meta niltaqgħu ma' terminu li ma nsibuhx fil-IATE, nagħmlu l-almu tagħna kbiex noħorġu bi proposta għat-traduzzjoni tiegħu u din ngħadduha lit-terminologi. Ikunu huma, imbagħad, li jgħaddu t-terminu Malti mill-għarbiel. Dak li jsib postu fil-IATE it-tradutturi mill-istituzzjonijiet kollha kif ukoll il-freelancers għandhom jibdew jimxu miegħu. U f'dan l-eżerċizzju kollettiv, it-terminoloġija Maltija qed tikber.

Il-VTS kienet ukoll okkażjoni biex niltaqa' aktar minn darba mar-rappreżentant tagħna fil-Field Office. Brian Buhagiar kien preżenti għal uħud mil-laqgħat li saru l-Università u kien hu li spjega x'tinvolvi l-kompetizzjoni tal-EPSO. Nixtieq nirringrazzjah tas-sehem tiegħu.

Nirringrazzja wkoll lill-Kap tad-Dipartiment tal-Malti, il-Kap tad-Dipartiment tat-Traduzzjoni, is-segretarji tad-Dipartimenti tal-lingwi fl-Università, il-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti, l-Għaqda tal-Qarrejja tal-Provi bil-Malti u lill-għalliema tal-iskejjel/kulleġġi li żort li lkoll għenuni immens biex norganizza biċċa xogħol bħal din.

Il-link għas-sit tal-VTS:
http://ec.europa.eu/dgs/translation/programmes/visiting/index_en.htm

*Louise Vella hija traduttriċi mal-Kummissjoni Ewropea*

**Xi jmut mal-ilsna li jgħosfru?**
Alan Delia

Kull 14-il jum, fid-dinja jkun hemm lingwa li tmut. Sal-2100, aktar minn nofs ta' 'l fuq minn 7,000 lingwa mitkellma fid-dinja – bosta minnhom għadhom lanqas ġew irreġistrati – jistgħu jgħibu, u magħhom jgħosfor teżor ta' tagħrif dwar l-istorja, il-kultura, l-ambjent naturali u l-moħħ tal-bniedem.

Il-lingwa tiddefinixxi kultura permezz tan-nies li jitkellmuha u ta' x'tippermetti li jingħad mill-kelliema. Kliem li jiddeskrivi prattika jew idea kulturali speċifika jista' ma jinqalibx bl-istess eżattezza f'lingwa oħra. Bosta ilsna fil-periklu għandhom kulturi orali sinifikanti bi stejjer, għanjiet u ġrajjiet mill-imgħoddi li jgħaddu minn ġenerazzjoni għall-oħra, imma ma jkun hemm xejn bil-miktub. Għalhekk meta lingwa minn dawn tmut, magħha tintefa kultura sħiħa.

Bosta minn dak li nafu dwar in-natura hu kkodifikat biss fil-lingwi orali. Gruppi indiġeni li kienu midħla mill-qrib mad-dinja naturali għal eluf ta' snin ta' spiss ikunu jafu affarijiet profondi dwar l-artijiet lokali, il-pjanti, l-annimali u l-ekosistemi – li ħafna minnhom ix-xjenza għadha ma ddokumentathomx. Għaldaqstant l-istudju tal-lingwi indiġeni jkollu wkoll il-benefiċċju li wieħed jifhem aħjar l-ambjent u l-isforzi tal-konservazzjoni.

L-istudju ta' lingwi varji jżid ħafna ma' dak li nifhmu dwar kif il-bnedmin jikkomunikaw u jaħżnu t-tagħrif. Kull darba li lingwa tmut, nitilfu parti mill-istampa ta' x'jistgħu jagħmlu l-imħuħ tagħna.

Matul l-istorja tal-bniedem, l-ilsna ta' gruppi setgħana infirxu filwaqt li dawk ta' kulturi iżgħar spiċċaw estinti. Dan iseħħ permezz ta' politiki lingwistiċi uffiċjali jew permezz tal-attrazzjoni li jkollu l-prestiġju li wieħed jitkellem b'lingwa imperjali. Pereżempju, dawn ix-xejriet jispjegaw għaliex hemm aktar diversità lingwistika fil-Bolivja milli fil-kontinent Ewropew kollu kemm hu, li għandhom storja twila ta' stati kbar u qawwiet imperjali.


Prof. K. David Harrison

Hekk kif il-lingwi l-kbar jinfirxu, it-tfal ta' ġenituri li jitkellmu lingwa 'żgħira' ta' spiss jikbru u jitgħallmu l-lingwa dominanti. Skont l-attitudnijiet lejn il-lingwa ta' missirijiethom, dawk it-tfal jew it-tfal tagħhom jistgħu ma jitgħallmu qatt il-lingwa ż-żgħira, jew jinsewha għax ma jibqgħux jużawha. Dan seħħ matul l-istorja tal-bniedem, imma r-rata tal-għajbien tal-lingwi aċċellerat b'mod drammatiku fl-aħħar snin.

Il-Proġett *Enduring Voices* tan-National Geographic (li qed isir bil-kollaborazzjoni ta' *Living Tongues Institute for Endangered Languages*) qed jirsisti biex jikkonserva l-lingwi li qed imutu billi jidentifika l-hekk imsejħa *language hotspots* – l-inħawi fid-dinja fejn jeżistu l-ilsna indiġeni l-aktar uniċi, l-anqas mifhuma u l-aktar mhedda – u jiddokumenta l-lingwi u l-kulturi fi ħdanhom.

Din tal-*language hotspots* ħareġ biha l-lingwista K. David Harrison li jaħdem fil-Kulleġġ ta' Swarthmore. F'intervista minn The Economist, Harrison jispjega li l-lingwi mhumiex imqassma bl-istess mod madwar id-dinja u jiffaċċjaw sfidi ta' livelli differenti.




Il-mudell tal-*hotspots*, jispjega Harrison, jgħin biex wieħed jivviżwalizza dan il-fenomenu u jipprijoritizza r-riżorsi biex jittrattah. *Language hotspot* ikun reġjun li fih livell għoli ħafna ta' diversità lingwistika, livelli għoljin ta' periklu lingwistiku u livelli relattivament baxxi ta' dokumentazzjoni xjentifika (reġistrazzjonijiet, dizzjunarji, grammatika, eċċ). Hu identifika aktar minn għoxrin *hotspot* u flimkien ma' tim xjentifiku qed iżurhom wieħed wieħed biex jeżamina l-polz ta' dawn il-lingwi li qed jinqerdu.

Mill-grafika ta' hawnhekk wieħed jista' japprezza aħjar il-kunċett tal-hotspots u jara fejn huma dawk l-inħawi fejn hemm diversità kulturali li tinsab fil-periklu.

Harrison jara t-telf tal-lingwi bl-istess mod kieku kellna nitilfu ġawhriet arkitettoniċi bħall-kattidral ta' Notre Dame u l-Piramidi ta' Giża. Meta nitilfu l-lingwi, titnaqqar il-bażi tal-għarfien tal-bniedem. Fil-pubblikazzjoni *When Languages Die* (2007) jikteb: "Meta nitilfu lingwa, nitilfu sekli ta' ħsibijiet tal-bniedem dwar iż-żmien, l-istaġuni, il-ħlejjaq tal-baħar, iċ-ċriev, il-fjuri edibbli, il-matematika, il-pjanuri, il-mitoloġiji, il-mużika, dak li mhux magħruf u dak kollu li hu ta' kuljum. Huma biss ftit il-kulturi li jtellgħu monumenti kbar li bihom jistgħu jiftakru fil-kisbiet tagħhom. Imma l-kulturi kollha jikkodifikaw il-ġenju tagħhom fil-lingwi, l-istejjer u l-lessiku tagħhom. Kull lingwa hi espressjoni waħdanija tal-kreattività umana."

Bosta minn dawn il-lingwi fil-periklu jinsabu fi nħawi fejn il-faqar hu rampanti. L-iżvilupp materjali jagħmilhom soċjetajiet aktar sinjuri imma jista' joqtol il-lingwa tagħhom. Harrison jgħid li ħadd ma jista' jsir aktar sinjur jekk jabbanduna lingwa biex jitgħallem oħra, pjuttost jiftaqar jekk jagħmel hekk: "Nies ta' kull età, imma speċjalment it-tfal, jistgħu faċilment ikunu bilingwi. Riċerka ġdida turi li l-bilingwiżmu jsaħħaħ il-moħħ, billi jibni dak li l-psikologi jsejħu r-'riżerva konjittiva'." Hu jinsisti li għandna nitgħallmu x'inhu l-valur tad-diversità intellettwali li jitrawwem mill-varjetà lingwistika, "Ħadd ma jaf mnejn se toħroġ l-idea brillanti li jmiss; l-ebda kultura m'għandha l-monopolju tal-ġenju uman."

Sorsi: The Economist, National Geographic.com, examiner.com

*Alan Delia huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**Ninu Cremona – traduttur u terminologu**
Ivan Said

Ninu Cremona jibqa' magħruf l-aktar għas-sehem tiegħu fit-tfassil tal-ortografija tal-Malti skont regoli grammatikali xjentifiċi moderni. "Dan il-lingwist tajjeb pijunier tal-Malti" (Aquilina, 1973: 10) kien prinċipalment il-moħħ wara t-*Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, maħruġ mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (illum l-Akkademja tal-Malti) fl-1924.[1] Dan hu l-manwal li skontu niktbu l-Malti tal-lum, rikonoxxut uffiċjalment fl-1934 (Farrugia, 2004: 127), u aġġornat erba' darbiet minn dak iż-żmien 'l hawn. Fuq l-istess *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija*, fl-1934 Cremona ħareg l-ewwel volum tat-*Tagħlim fuq il-kitba Maltija*, u fl-1938 ħareġ it-tieni volum tiegħu (Brincat, 2006: 173).

Hu magħruf ukoll għal xogħol ieħor konness mal-Malti. Tana ħafna xogħlijiet ta' riċerka seminali, fosthom *X'inhu l-Malti safi* fl-1925, għadd ta' bijografiji inkluża dik ta' missier l-ilsien Malti, *Mikiel Anton Vassalli u Żmenijietu* fl-1937 (maqluba għall-Ingliż minn May Butcher fl-1940), ħafna riċerka dwar il-folklor u l-Malti, poeżija u proża u saħansitra l-ewwel dramm letterarju Malti, *Il-Fidwa tal-Bdiewa* fl-1936 (maqlub għall-Ingliż fl-1960) (Schiavone, 2009: 65).

**Traduttur**

Il-ħidma kbira tiegħu kienet tinkludi wkoll xogħol ta' traduzzjoni. Cremona (1965: Volum I, v) stess jgħid li għal 13-il sena hu kien t-traduttur tal-Gvern, post maħluq mill-Gvern ta'


Ninu Cremona fl-1929

Sir Gerald Strickland (il-Prim Ministru ta' Malta bejn Awwissu 1927 u Ġunju 1930) (Schiavone, 2009: 1506), bħala parti mill-kampanja tiegħu favur l-introduzzjoni tal-Ingliż u l-Malti fl-amministrazzjoni tal-pajjiż u t-tneħħija tal-influwenza Taljana f'Malta.

Skont it-12-il Taqsima tal-*Blue Book*[2] tal-1927 (p. 2), Cremona nħatar traduttur u editur tal-pubblikazzjonijiet Maltin b'salarju annwali ta' £190 u benefiċċju personali ta' £10 fl-14 ta' Novembru 1927 fl-Istamperija tal-Gvern, anke jekk kien ilu impjegat mal-Gvern Kolonjali sa mill-1 ta' Settembru 1900, l-ewwel bħala skrivan, imbagħad bħala spettur tas-sanità.

[1] Fl-14 ta' Novembru 1920, l-Għaqda għażlet kummissjoni biex tippreżenta alfabett u sett ta' regoli tal-kitba. Fit-18 ta' Diċembru 1921 dil-kummissjoni ppreżentat l-alfabett fonetiku lill-imseħbin kollha tal-Għaqda li approvawh wara li biddlu żewġ ittri u qabbdet lil Cremona, wieħed minn ħdanha stess, li, megħjun minn membru ieħor tal-istess kummissjoni, Ġanni Vassallo, fassal il-grammatika fuq l-alfabett fonetiku li tlestiet u ġiet approvata mill-imseħbin fit-30 ta' Ottubru 1924 (L-Akkademja tal-Malti, 2004, xi, xviii-xix).

[2] Dan kien ir-rendikont annwali, prinċipalment f'ċifri, tal-qagħda tal-amministrazzjoni tal-Gvern Kolonjali ta' Malta. Kien jinkludi, fost titli oħrajn, lista tal-impjegati kollha tal-Gvern, inklużi l-pagi tagħhom. Sibtu fil-Biblijoteka Nazzjonali.

Konnessa max-xogħol tat-traduzzjoni Cremona kellu kariga oħra. "Fl-1928," jirrakkonta l-bijografu tiegħu Alfred M. Previ, "kienet inħatret Kummissjoni għat-traduzzjonijiet tal-użu tal-Malti fil-qrati, u għal darba oħra nsibu lil Cremona jimla b'għaqal kbir il-post ta' Segretarju." (1969: 5). Anke l-poeta Ġorġ Pisani jikkorrobora l-ħila ta' Cremona f'dan ix-xogħol: "Il-Gvern għaraf il-ħila tiegħu billi fis-sena 1928 għażlu Segretarju ta' kummissjoni għat-traduzzjoni tal-Liġi tal-Pulizija u Liġijiet Kriminali." (1972: 50).

Dan ix-xogħol Cremona kien jagħmlu b'dedikazzjoni kbira tant li l-Imħallef W. D. Harding jiftakar lil Cremona fix-xogħol tat-traduzzjoni hekk: "Jien għandi ħafna tifkiriet ħelwin u nostalġiċi ta' Ninu Cremona. Sirt nafu permezz tas-Sur Awgusto German, illum mejjet. F'dak iż-żmien (1936-37) kont imħabbat bix-xogħol tar-Reviżjoni tal-Ligijiet u s-Sur German b'dak tat-traduzzjoni għall-Malti. Kultant, u l-aktar fl-irqaqat tal-ligijiet tekniċi, is-Sur German iltaqa' ma' kliem li l-qlib tiegħu mit-Taljan kien xi ftit diffiċli. Billi ż-żewġ traduzzjonijiet bl-Ingliż u bil-Malti kienu sottomessi għar-reviżjoni u l-approvazzjoni tiegħi, niftakar li fil-każ ta' xi kliem li jħabbtuk fil-Malti, is-Sur German qalli li kien iddiskutiehom mas-Sur [Ninu] Cremona. Jien għalhekk rajt li kelli nirringrazzja lis-Sur Cremona għall-għajnuna tiegħu u mill-ewwel intbaħt mill-mod kif ħall dawn il-problemi kien kollu bis-saħħa tal-isfond edukattiv u ta' studju li kellu. Laqatni wkoll mal-ewwel, għax xejn ma jipprentendiha u kien edukat ħafna u għalhekk bdejt napprezzah iżjed," (Harding, 1973: 18).

Cremona stess jgħidilna x'kienu l-ewwel xogħlijiet li qaleb għall-Malti: "L-ewwel esperjenza tiegħi fit-twettiq ta' dmirijieti kienet it-traduzzjoni ta' rapport dwar il-koltivazzjoni Maltija tad-dwieli u l-produzzjoni tal-inbid minn dwieli lokali; il-ġabra tal-għodod tal-mastrudaxxi bl-Ingliż u l-Malti għall-Iskola tat-Taħriġ li l-emigranti prospettivi kienu jattendu dak iż-żmien, rapport dwar is-sajd u sentenza tal-Qorti f'każ kriminali (1965: Volum I, v)."[3]

Iżda llum, li aħna nafu lill-Malti bħala l-ilsien nazzjonali skont il-Kostituzzjoni u bħala wieħed mill-24 lingwa uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, irridu nżommu quddiem għajnejna li kienet telgħa iebsa għal dawk li ħadmu biex jaraw il-Malti stabbilit uffiċjalment f'dak li Aquilina jsejjaħlu "iż-żmien tat-twegħir kontra l-Malti" (1973: 10). Għaldaqstant irridu niftakru li l-ortografija standard approvata mill-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti fl-1924 kienet ġiet rikonxxuta uffiċjalment biss fl-1 ta' Jannar 1934 (Bezzina, 2006: 72-75), id-data li rat it-tmiem ħesrem tal-kwistjoni tal-lingwa.

F'dak il-perjodu ta' qabel ir-rikonoxximent uffiċjali, l-ortografija, u allura l-alfabett tal-Għaqda, kienu jintużaw biss f'*Il-Malti* (l-organu tal-Għaqda, li tagħha Cremona kien fundatur u għal ħafna żmien viċi-president) f'xi edizzjonijiet ta' *Il-Kotra*, il-gazzetta tal-Partit Laburista u f'*Leħen il-Malti* tal-Għaqda tal-Malti (Università) (Aquilina, 1981: 76), għaqda mwaqqfa fis-26 ta' Jannar 1931 miż-żewġ kittieba Ġużè Bonniċi u Ružar Briffa, dak iż-żmien studenti tal-mediċina (Borg, 1998).

U hawn naraw lil Cremona jiltaqa' ma' saram qawwi fix-xogħol tiegħu ta' traduttur uffiċjali tal-Gvern. Skont Aquilina, fl-1932, il-Ministru tal-Edukazzjoni ta' dak iż-żmien, Dottor Nerik Mizzi[4] ordna l-użu tal-*u* minflok il-*w*, tal-*q* minflok il-*k* u ta' *sc* minflok ix-*x* fil-kliem li ġej mit-Taljan; it-tneħħija tat-tikka fuq iċ-*ċ*, il-*ġ* u *ż*-*ż*, u minflokhom daħħal l-apostrofu meta segwiti minn konsonanti; u ordna l-użu tal-

[3] Silta miġjuba mill-Ingliż.

[4] Bejn Ġunju 1932 u Novembru 1933 kien hemm Gvern Nazzjonalista, immexxi minn Sir Ugo Mifsud wara li l-Gvern ta' Strickland waqa' fl-1930 u l-Kostituzzjoni ġiet sospiża għal sentejn (Sacco, 1986: 91-109). Nerik Mizzi kien il-Ministru tal-Industrija u l-Kummerċ bejn Ġunju 1932 u Awwissu 1933 iżda kien il-Ministru tal-Edukazzjoni wkoll *ad interim* bejn Lulju 1932 u Novembru 1933 (Schiavone, 2009: 1202).



Ninu Cremona (bilqiegħda, l-ewwel wieħed mil-lemin) mal-ewwel Kumitat tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti

apostrofu wara l-artiklu minflok is-sing (1981: 78). B'hekk Cremona sab ruħu f'sitwazzjoni antipatika iżda xejn ma ddejjaq jiddefendi l-alfabett tal-Għaqda u jiġġustifika b'mod xjentifiku l-użu tal-*j* u l-*w* billi qabad u kiteb rapport lil ta' fuqu.

Dan l-inċident qajjimli ċerta kurżità speċjalment meta rajt li l-kronologija konnessa ma' din il-ġrajja ma kinitx ċara, la f'Aquilina (1981: 76-78) u lanqas f'Farrugia (2004: 127-128), li bbażat ir-riċerka tagħha fuq Aquilina. Għaldaqstant fittixt u fid-Dipartiment tal-Arkivji, il-Kotba Rari u l-Kollezzjonijiet Speċjali tal-Librerija tal-Università ta' Malta skoprejt fajl tal-Gvern bis-suġġett "Orthography in the Government Gazette; Submits remarks re change in" bid-data tat-23 ta' Lulju 1932. Fih sibt minuti u korrispondenza minn u lil Ninu Cremona u oħrajn dwar din il-kwistjoni, inkluż dan ir-rapport li Aquilina ppubblika *in toto* fl-1981.

Jidher li Cremona ħareġ bis-*sick leave* biex jagħmel operazzjoni fil-qanpiena ta' ħalqu (MSS 252: Dokument 2) għall-ħabta ta' nofs Ġunju – ix-xahar li matulu tela' Gvern Nazzjonalista li kien jiffavorixxi l-użu tat-Taljan (Bezzina, 1996: 61) b'kuntrast totali mal-Gvern ta' qablu ta' Strickland li saħansitra ħoloq il-post li kien qed jokkupa Cremona biex jagħti spinta lill-Malti (u lill-Ingliż a skapitu tat-Taljan). Fl-assenza ta' Cremona, il-Kap tal-Ministeru[5] ta ordnijiet verbali (MSS 252: Dokumenti 7 u 8) lis-Supretendent (jiġifieri, il-maniġer) tal-Istamperija tal-Gvern, is-Sur L. Borg Cardona biex, mit-23 ta' Ġunju 1932, skont il-minuta 2 tal-fajl, ma tibqax tintuża il-*j* bħal fil-kelma "pulizija", tintuża l-*i* minflok il-*j* bħal fil-kliem "Cummissarju", "Ufficju", u tintuża l-*s* minflok iż-*ż* bħal fil-kelma "Avviz". Cremona kien għadu jirkupra saħħtu d-dar meta nduna b'dawn it-tibdiliet fl-ortografija tal-pubblikazzjonijiet tal-Gvern u għaldaqstant fl-14 ta' Lulju 1932 kiteb lil Borg Cardona

[5] Pirotta (1996) jispjega fit-12-il kapitlu tal-ktieb tiegħu li, skont il-Kostituzzjoni tal-1921, il-"Kap tal-Ministeru" kien terminu ieħor għall-Prim Ministru ta' dak iż-żmien peress li l-Ingliżi ma ridux li l-kap tal-gvern jissejjaħ prim ministru.

biex juri d-diżapprovazzjoni tiegħu għal dak li kien qed jiġri (MSS 252: Dokument 2). B'risposta dak in-nhar stess Borg Cardona (MSS 252: Dokument 3) talbu li hekk kif jidħol lura għax-xogħol jagħmillu rapport dwar dan.

U hekk għamel. Fit-23 ta' Lulju 1932, mid-dehra hekk kif daħal mis-*sick leave*, Cremona kiteb ir-rapport imwiegħed (MSS 252: Dokument 8), f'forma ta' ittra indirizzata lil Borg Cardona li kellu jgħaddiha lill-Kap tal-Ministeru għall-kunsiderazzjoni tal-Gvern. Bla tlaqliq Cremona jesprimi d-diżapprovazzjoni u d-dispjaċir tiegħu għall-mod kif fuq materja teknika bħal din ma ġiex ikkonsultat. Cremona insista li l-ordnijiet li ngħataw imorru kontra kull norma grammatikali u kontra kull prassi li sa dak iż-żmien kienet ġiet adottata fl-Istamperija tal-Gvern sa mis-snin għoxrin.

Jistqarr ukoll li l-Ministri tal-Agrikoltura u tat-Teżor tal-ġurnata kienu jaqblu mal-fehmiet tiegħu. Din l-ittra ġġib id-data tat-23 ta' Ġunju 1932, l-istess data tal-fajl, iżda fit-28 ta' Lulju 1932, din l-istess ittra reġa' kitibha u elaboraha biex jispjega aktar fil-fond ir-raġunijiet xjentifiċi għaliex m'għandhomx jitneħħew il-*j* u l-*w*. Din hija l-ittra li naraw ippublikata f'Aquilina (1981: 76).

Eżatt wara l-mewt ta' Cremona, Aquilina, li kien ħabib kbir tiegħu, elabora aktar dwar dan l-inċident mingħajr ma ta dati: "Bħalissa qed inġibu quddiem għajnejja jitbaqbaq u jitbegħren qisu skorfna (Min qal l-inkwiet joqtol in-nies?) għaliex il-Prinċipal tiegħu kien ordnalu f'isem il-Ministru tal-Edukazzjoni, dak iż-żmien Dr Enrico Mizzi, biex bħala traduttur fil-gazzetta tal-gvern ma jibqax juża l-ortografija tal-*Għaqda* [tal-Kittieba tal-Malti] u juża minflokha ortografija Taljana kif għoġbu joħloqha l-Ministru tal-Edukazzjoni li kien waħħalha f'moħħu li l-ortografija tal-Għaqda kienet taqtagħna mill-Ewropa u li l-użu tal-ittri *j* u *w* kienu maħsuba biex jagħtu sura Ingliża lill-kitba Maltija (il-kwistjoni tal-lingwa kienet il-babaw ta' dak iż-żmien). Bħala impjegat tal-Gvern, is-Sur Nin ma setax jagħmel ħaġa oħra ħlief joqgħod għal din l-ordni; imma tgħidx kemm gerger, ħambaq u tmasħan u sa kiteb memorandum lill-Ministru tal-Edukazzjoni biex jurih li dawn iż-żewġ ittri joħorgu waħedhom mill-istess struttura ortografika tal-Malti. Imma l-politikanti m'humiex lingwisti u jifhmu biss dak li jaqblilhom jifhmu. Is-Sur Nin kellu jitqanna bl-ortografija mwikkija mill-Ministru tal-Edukazzjoni sa ma ġew żmenijiet oħra." (1973: 2).

**L-integrità xjentifika ta' Cremona**

Bis-saħħa tal-fajl tal-Gvern bil-korrispondenza u l-minuti dwar il-kwistjoni, issa nafu li "il-Prinċipal tiegħu [ta' Cremona, li] kien ordnalu f'isem il-Ministru tal-Edukazzjoni" kien is-Supretendent tal-Istamperija tal-Gvern, li kien irċieva struzzjonijiet verbali mill-Kap tal-Ministeru u li l-memorandum Cremona kitbu lil dan is-supretendent biex jgħaddih lill-Kap tal-Ministeru. Minn dan is-sors nafu wkoll li t-tibdiliet fl-ortografija riedhom Nerik Mizzi.

Il-memorandum hu importanti ħafna għax wera li Cremona, fl-ewwel snin tiegħu bħala traduttur, kellu jbati u jmur kontra l-kurrent għal dak li kien jemmen fih b'rabta mal-Malti u li l-argumenti tiegħu dwar l-ortografija tal-Malti kienu biss xjentifiċi u qatt ma kienu politiċi.

F'kumment dwar l-istess inċident, f'artiklu ieħor, Aquilina (1973: 11) jgħid li Cremona kien "studjuż moħħu ċar, ma ħalliex il-politika tavvelih billi ma ħallatx l-istudju magħha jew qagħad għall-ordnijiet ta' min kien fuqu u ħalla għall-istorja ta' żminijietna dokument li fih ta raġunijiet xjentifiċi li wrew biċ-ċar li l-ortografija li riedu jimponulu la kienet xjentifika u lanqas loġika."

L-attakki fuq il-Malti, u b'mod partikolari fuq l-ortografija tal-Għaqda komplew hekk kif jixhdu il-minuti fil-fajl li juru biċ-ċar li kien



Nerik Mizzi li kien qed jindirizza l-insistenzi tiegħu, dwar dawn il-bidliet, lill-Kap tal-Ministeru biex iġiegħel lil Cremona jobdi l-ordnijiet, peress li l-Istamperija tal-Gvern kienet fid-dekasteru tal-Kap tal-Ministeru. Barra minn hekk, wara din l-ordni verbali dwar l-ortografija użata fuq l-Istamperija tal-Gvern, kienu ħarġu ordnijiet oħra mill-Ministru tal-Edukazzjoni, li kienu jxejnu l-użu tal-ortografija tal-Għaqda, bħal pe-reżempju, il-minuta ministerjali tas-6 ta' Settembru 1932 u l-ittra lill-ġenituri tal-istudenti li ntbagħtet mill-Ministru tal-Edukazzjoni fl-1 ta' Ottubru 1932 (Bezzina, 2006: 61-63).[6]

Iżda ftit għadda żmien biex l-istorja tat raġun lil Cremona kif tixhed in-nota li Borg Cardona bagħat lil Cremona fit-13 ta' Diċembru 1933 (MSS 252: Dokumenti 13) fejn qallu li "b'mod definit ġie deċiż li fil-pubblikazzjonijiet kollha bil-Malti tal-Gvern għandha tintuża l-ortografija tal-Għaqda [tal-Kittieba tal-Malti, u li] din l-ordni tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1934."[7] Dan ġara wara li f'Novembru 1933 tneħħa l-Gvern Malti (Bezzina, 2006: 74) u "l-Gvern Kolonjali, inkwetat bil-minaċċi tal-faxxiżmu [….] iddeċieda li ma jħallix il-kwistjoni [tal-lingwa] iżjed f'idejn il-Maltin u ħassar it-Taljan mill-użi uffiċjali kollha [u] ġiet rikonoxxuta l-ortografija tal-*Għaqda tal-Kittieba tal-Malti.*" (Brincat, 2006: 173).

**Terminologu**

Mid-dehra, kull meta kien jidħol għal biċċa xogħol, Cremona kien jidħol għaliha b'ruħu u b'ġismu. U hekk ġara meta sar editur tal-Gvern u, flimkien mat-traduzzjoni, għamel xogħol bir-reqqa ta' terminoloġija. Cremona stess jgħid li ħtieġlu jfittex u jitgħallem termini tekniċi ġodda biex seta' jagħmel xogħlu sew ta' traduttur tal-Gvern:

Hekk kif inħtart Editur u Traduttur tal-Pubblikazzjonijiet tal-Gvern Malti, intbaħt mill-ewwel li barra li kelli nkun naf kliem ordinarju u idjomi, kelli bżonn ukoll tali għarfien adegwat ta' terminoloġija teknika dwar temi industrijali u agrikoli biex setgħu jintużaw fir-rapporti, il-memoranda, l-avviżi dipartimentali, barra t-termini legali li eventwalment kellhom jintużaw fis-sentenzi jew l-atti tal-Qorti wara l-introduzzjoni tal-Malti fil-Qrati tal-Ġustizzja u fl-Atti tan-Nutara (1965: Volum I, v).[8]

[6] Cremona ma kienx l-uniku li kien qed jiġġieled dawn l-ordnijiet il-ġodda. Fuq front ieħor tal-battalja, fl-Università, il-Professur Pietru Pawl Saydon, magħruf għar-ras iebsa li kellu fi kwistjonijiet bħal dawn, u l-Għaqda tal-Malti (Università), li tagħha Saydon kien il-President, kitbu ittri ta' protesta u ġustifikazzjonijiet xjentifiċi għall-ortografija tal-Għaqda kontra dawn l-ordnijiet u kienu ġew akkużati li qajmu polemika politika. Ta' dan l-Għaqda tal-Malti (Università) ħallset prezz għoli għax tkeċċiet minn fuq il-kampus tal-Università fl-10 ta' Novembru 1932 iżda ddaħħlet lura "rebbieħa" fil-21 ta' Novembru 1933 ftit qabel ma l-ortografija tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti ġiet rikonoxxuta uffiċjalment fl-1 ta' Jannar 1934, fost miżuri vasti oħra favur il-Malti (Bezzina, 2006: 72-75).

[7] Silta miġjuba mill-Ingliż.
[8] Silta miġjuba mill-Ingliż.

Dawn it-termini tekniċi li Cremona stess jgħid li ġabar sakemm dam traduttur tal-Gvern, f'nofs is-snin sittin organizzahom f'żewg volumi ta' terminoloġija, "Maltese Technical Terminology", li qatt ma ppubblika iżda kopji tagħhom li ttajpja hu stess iddepożitahom fil-Librerija tal-Università. Din il-biċċa xogħol assidwa ta' Cremona hi magħmula minn termini tekniċi bil-Malti bl-ekwivalenti tagħhom bl-Ingliż u t-Taljan.

Il-kopji li sibt jien fit-taqsima tal-Melitensia tal-Librerija tal-Università huma t-tnejn fotokopji u ddedikati lil ħabibu Ġużè Aquilina li ppreżentahomlu fir-residenza tiegħu f'Villa Rihana, Ħal Balzan, l-ewwel wieħed fl-1965 u t-tieni fl-1967.

Ir-reqqa ta' Cremona tidher, pereżempju, fl-agrikoltura, fejn mhux biss tana lista ta' għodod użati f'dan il-qasam iżda, pereżempju, fil-każ tal-moħriet tana lista ta' termini bil-Malti, u fejn seta' bl-ekwivalenti tagħhom bl-Ingliż u t-Taljan, tal-biċċiet kollha li jiffurmaw il-moħriet flimkien ma' disinji biex jgħinu lill-qarrej ta' din il-lista ta' termini.

Biex kiseb din ir-reqqa, Cremona ħtieġlu jagħmel riċerka vasta, kif jispjegalna hu stess: "Sa fejn kien possibbli, biex inkisbet ġabra sħiħa aġġornata ta' kliem tekniku Malti bl-ekwivalenti korrispondenti bl-Ingliż u t-Taljan tiegħu, u f'xi minn daqqiet partikolari, l-ismijiet xjentifiċi tiegħu, saret referenza għal diversi pubblikazzjonijiet qodma u ġodda dwar l-Istorja Naturali lokali li jittrattaw l-Fawna Agrikola u l-Ittjoloġija," (1965: Volum I, v).[9]

L-ewwel volum, "Agricultural, nautical and fishing terms including a supplementary list of insects and plant pests", iġib id-data tal-10 ta' Novembru 1964 u għandu tliet taqsimiet, l-ewwel waħda hija dwar il-biedja, it-tieni dwar is-sajd u t-tielet dwar in-navigazzjoni tal-baħar.[10] Hemm ukoll żewġ żidiet, waħda għall-ewwel taqsima u l-oħra għat-tielet taqsima. It-terminoloġija dwar il-biedja hija verament vasta, speċjalment meta tqis li għandha żieda.

It-tieni volum, "Entomological, ornithological and icthyological Maltese terms with their English and Italian equivalents" hu tal-1966 u wkoll fih tliet taqsimiet. L-ewwel taqsima dwar "Insects and other terrestrial animal species" jiftaħha bil-klassifikazzjoni xjentifika tal-ispeċijiet tal-annimali. It-tieni taqsima tagħti l-ismijiet ornitoloġiċi tal-għasafar u t-tielet taqsima l-ismijiet ittjoloġiċi tal-ħut. Anke dan il-volum għandu appendiċi li fih indiċi tal-ismijiet bil-Malti tal-annimali kollha msemmijin fl-ewwel taqsima. Aquilina (1987: Volum I, xxvi) elenka dawn iż-żewg volumi fil-biblijografija tal-ewwel volum tad-dizzjunarju tiegħu Malti-Ingliż-Malti, bħala tnejn mid-"Dammi ta' kliem Maltin" li uża. F'din il-lista ż-żewġ volumi jġibu s-sena 1964.

## Ħajjet Cremona

Cremona twieled fis-27 ta' Mejju 1880 fir-Rabat, Għawdex, iżda trabba għal ftit f'Tuneż, studja għal ftit żmien f'Liverpool biex laħaq spettur tas-sanità, u għal kważi l-ħajja adulta kollha tiegħu għex f'Ħal Tarxien (Schiavone, 2009: 65). Kienet twila u sfiqa l-ħajja ta' dan l-għażeb li bħallikieku tgħarras u żżewweġ lill-istudju, ir-riċerka u l-kitba (fil-forom kollha tagħha) tal-Malti u ta' dak kollu li sawwar in-nazzjon Malti. Meta l-Imħallef Harding (1973: 18) kien jgħidlu "Int dejjem tistudja, Sur Nin," hu kien iwieġbu "X'tagħmel? Kieku ma ngħixx."

[9] Silta miġjuba mill-Ingliż.

[10] Fl-istess sena Cremona ppubblika artiklu bit-Taljan, "*La marina maltese dal medio evo all'epoca moderna – storia e terminologia*" li inkluda fih it-termini kollha dwar in-navigazzjoni tal-baħar, mill-Malti għat-Taljan, li naraw fil-volum tal-10 ta' Novembru 1964 u termini oħrajn tal-baħar, flimkien ma' spjegazzjoni lingwistika dettaljata u sfond storiku.

Iżda mhux l-iskop ta' din ir-riċerka li tterraq il-ħajja u x-xogħlijiet ta' Cremona peress li dan għamluh tant tajjeb ħafna qabli. Biżżejjed insemmi ż-żewg teżijiet bijografiċi ta' Vella Haber u Previ dwaru. Biex ma nsemmux in-nota bijografika fid-*Dictionary of Maltese Biographies* li tinkludi lista kważi eżawrjenti tal-kitbiet kollha ta' Cremona u lista oħra ta' kitbiet dwaru. Fl-1947 ingħata l-Premju Ġużè Muscat Azzopardi, fl-1960 ingħata d-Dottorat fil-Letteratura (*Honoris Causa)* mill-Università ta' Malta u fl-1969 ingħata l-midalja tal-fidda mill-Konfederazzjoni tal-Kunsilli Ċiviċi (Schiavone, 2009: 65).

Din ir-riċerka wasslitni għall-konklużjoni li Cremona kien ġenju ħabrieki u altruwista, iben dehen tan-nazzjon Malti li, skont Aquilina (1973: 2), fost il-kwalitajiet tajba li kellu, kienet "l-umiltà intellettwali", kwalità rari f'dawn iż-żmenijiet kompetittivi tal-lum.

*Ħajr lil Mark Amaira, lill-Professur Godfrey Pirotta. Ħajr ukoll lil Mary Samut-Tagliaferro tal-Librerija tal-Università ta' Malta.*

**Biblijografija**

Aquilina, Ġ., 1973 "Fid-Disgħin Sena ta' Dr Cremona." *Leħen il-Malti*, Nru 18: 8-12. Malta.
Aquilina, Ġ., 1973 "Tifkira ta' Ħabib lil Ħabib." *Leħen il-Malti*, Nru 18: 1-5. Malta.
Aquilina, Joseph, 1981 "Systems of Maltese Orthography." *Papers in Maltese Linguistics* 76-101. Malta: L-Università ta' Malta.
Aquilina, Joseph, 1987 *Maltese-English Dictionary – Volume One A-L*. Malta: Midsea Books.
Bezzina, Carmel, 2006 *Saydon: Biblista u Studjuż tal-Malti*. Malta: Pubblikazzjonijiet Preca.
Borg, Joseph P., 1998 *Il-Ġrajja tal-Għaqda tal-Malti (Università) fil-Qosor (1931-1997)*. Malta: L-Għaqda tal-Malti (Università).
Brincat, Joseph M., 2006 *Il-Malti Elf Sena ta' Storja*. Kullana Kulturali 10. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.
Cremona, A., 1964 "*La marina maltese dal medio evo all'epoca moderna – storia e terminologia*." Journal of Maltese Studies, Nru 2: 177-197. Malta: Chair of Maltese, Faculty of Arts, Royal University of Malta.
Cremona, Anthony, 1965 *Maltese Technical Terminology: Agricultural, nautical and fishing terms including a supplementary list of insects and plant pests*. L-ewwel volum. Malta.
Cremona, Anthony, 1966 *Maltese Technical Terminology: Entomological, ornithological and ichthyological Maltese terms with their English and Italian equivalents*. It-tieni volum. Malta.
Farrugia, Marisa, 2004 *L-Istorja tal-Alfabett Malti*. Kullana Kulturali 10. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.
Harding, William D., 1972 "L-Onor. Imħallef Wm. D. Harding dwar Dr Ninu Cremona." *Il-Malti*, Marzu-Ġunju 1972:18. Malta: L-Akkademja tal-Malti.
Korrispondenza u Minuti minn u lil Ninu Cremona dwar "Orthography in the Government Gazette; Submits remarks re change in", Govt. Printing Office Index No. PRESS 54/1932, Place: Valletta, Date 23rd July 1932. Id-Dipartiment tal-Arkivji, il-Kotba Rari u l-Kollezzjonijiet Speċjali tal-Librerija tal-Università ta' Malta: MSS 252.
L-Akkademja tal-Malti, 2004 *Tagħrif fuq il-Kitba Maltija II*. Malta: Klabb Kotba Maltin.
Pirotta, Godfrey A., 1996 *The Maltese Public Service 1800-1940: The Administrative Politics of a Micro-state*. Malta: Mireva Publications.
Pisani, Ġorġ, 1972 "Taħdita ta' Ġorġ Pisani f'Għeluq id-90 Sena ta' A. Cremona." *Il-Malti*, Marzu-Ġunju 1972:49. Malta.
Previ, Alfred M., 1969 *Il-Ħajja Letterarja ta' Ninu Cremona*. Teżi għall-BA (Unuri). Malta: L-Università ta' Malta.
Sacco, Remiġ, 1986 L-Elezzjonijiet Ġenerali 1849-1986 – Il-Ġrajja Politika u Kostituzzjonali ta' Malta. Malta: Klabb Kotba Maltin.
Schiavone, Michael J., 2009 *Dictionary of Maltese Biographies*. Malta: Pubblikazzjonijiet Indipendenza.
Vella Haber, Frances, 1968 *Ninu Cremona: Bijografija*. Teżi għall-BA (Unuri). Malta: L-Università ta' Malta.

*Is-Sur Said huwa traduttur mal-Kummissjoni Ewropea*

**http://ec.europa.eu/dgs/translation/publications/magazines**

**Din il-pubblikazzjoni hija disponibbli wkoll f'dan l-indirizz**

Jekk tixtieq tikkontribwixxi f'dan il-bulettin, iktbilna hawn: **l-accent@ec.europa.eu**

***Koedituri:*** *Mark Vella, Louise Vella, Antoine Cassar*

***Distribuzzjoni:*** *Maryann Agius*

***Impaġnar:*** *Alan Delia*

***Qari tal-Provi:*** *Jeantide Naudi, Angela Debono, Mark Vella*

***Editur tal-Istil:*** *Mark Amaira*

**Ċaħda**

*Il-Kummissjoni Ewropea, u kwalunkwe persuna li taġixxi f'isimha, mhumiex responsabbli għall-użu li jsir jew li jista' jsir mit-tagħrif inkluż f'din il-pubblikazzjoni. Dan il-bulettin mhuwiex pubblikazzjoni uffiċjali, u la l-Kummissjoni u lanqas is-servizzi tagħha ma huma marbutin b'xi mod jew ieħor mill-kontenut tiegħu.*